**Parlament Ewropew**
2024-2029

*Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern*

**2026/0059(COD)**

26.6.2026

# ***I
# ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar u reati oħrajn relatati mal-armi tan-nar u li temenda d-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (COM(2026)0102 – C10-0060/2026 – 2026/0059(COD))

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

Rapporteur: Evin Incir

## *Tifsira tas-simboli użati*

| | |
|---|---|
| * | Proċedura ta' konsultazzjoni |
| *** | Proċedura ta' approvazzjoni |
| ***I | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (l-ewwel qari) |
| ***II | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tieni qari) |
| ***III | Proċedura leġiżlattiva ordinarja (it-tielet qari) |

(It-tip ta' proċedura jiddependi mill-bażi legali proposta mill-abbozz ta' att.)

## *Emendi għal abbozz ta' att*

**Emendi tal-Parlament f'żewġ kolonni**

It-tħassir huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tax-xellug. Is-sostituzzjoni hija indikata permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fiż-żewġ kolonni. It-test ġdid huwa indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** fil-kolonna tal-lemin.

L-ewwel u t-tieni linji tal-intestatura ta' kull emenda jidentifikaw il-parti tat-test ikkonċernata fl-abbozz ta' att inkwistjoni. Meta emenda tirrigwarda att eżistenti, li l-abbozz ta' att ikollu l-ħsieb li jemenda, l-intestatura jkun fiha wkoll it-tielet u r-raba' linji li jidentifikaw rispettivament l-att eżistenti u d-dispożizzjoni kkonċernata f'dak l-att.

**Emendi tal-Parlament li jieħdu l-forma ta' test konsolidat**

Il-partijiet ġodda tat-test huma indikati permezz tat-tipa ***korsiva u grassa.*** Il-partijiet imħassra tat-test huma indikati permezz tas-simbolu ▌ jew huma ingassati. Is-sostituzzjoni tintwera billi jiġi indikat permezz tat-tipa ***korsiva u grassa*** t-test il-ġdid u billi jitħassar jew jiġi ingassat it-test sostitwit. Bħala eċċezzjoni, it-tibdil ta' natura strettament teknika magħmul mis-servizzi fil-preparazzjoni tat-test finali mhuwiex indikat.

**WERREJ**

**Paġna**

ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW .....5

ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT .....66

## ABBOZZ TA' RIŻOLUZZJONI LEĠIŻLATTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar u reati oħrajn relatati mal-armi tan-nar u li temenda d-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill**
**(COM(2026)0102 – C10-0060/2026 – 2026/0059(COD))**

**(Proċedura leġiżlattiva ordinarja: l-ewwel qari)**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni lill-Parlament u lill-Kunsill (COM(2026)0102),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(2) u l-Artikolu 83(1) u (2) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont liema artikoli l-Kummissjoni ppreżentat il-proposta lill-Parlament (C10-0060/2026),

– wara li kkunsidra l-Artikolu 294(3) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

– wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew ta' ... [1],

– wara li kkunsidra l-Artikolu 60 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern (A10-0000/2026),

1. Jadotta l-pożizzjoni fl-ewwel qari li tidher hawn taħt;

2. Jistieden lill-Kummissjoni terġa' tirreferi l-kwistjoni lill-Parlament jekk tibdel il-proposta tagħha, temendaha b'mod sustanzjali jew ikollha l-ħsieb li temendaha b'mod sustanzjali;

3. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi l-pożizzjoni tal-Parlament lill-Kunsill u lill-Kummissjoni kif ukoll lill-parlamenti nazzjonali.

[1] ĠU C... / Għadha mhix ippubblikata f'il-Ġurnal Uffiċjali.

**Emenda 1**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (2) It-traffikar tal-armi tan-nar huwa qasam ta' kriminalità partikolarment serja kif rikonoxxut fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u ħafna drabi jitwettaq fil-qafas tal-kriminalità organizzata jew b'konnessjoni mat-terroriżmu. Il-prevenzjoni tat-traffikar tal-armi tan-nar u l-ġlieda kontrih huma prijorità għall-Unjoni u għall-Istati Membri. | (2) It-traffikar tal-armi tan-nar huwa qasam ta' kriminalità partikolarment serja kif rikonoxxut fit-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u ħafna drabi jitwettaq fil-qafas tal-kriminalità organizzata jew b'konnessjoni mat-terroriżmu ***u ta' spiss iservi bħala faċilitatur għal attivitajiet kriminali oħra***. Il-prevenzjoni tat-traffikar tal-armi tan-nar u l-ġlieda kontrih huma prijorità għall-Unjoni u għall-Istati Membri***, kemm fit-territorju tal-Unjoni kif ukoll fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi***. |

Or. en

**Emenda 2**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (3) Iż-żieda fit-traffikar tal-armi tan-nar u reati oħrajn relatati mal-armi tan-nar u l-effetti tagħhom, li jimminaw l-effettività tad-dritt tal-Unjoni dwar l-armi tan-nar, hija kwistjoni ta' tħassib kontinwu fl-Unjoni. Tali reati jestendu dejjem aktar lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri fejn jitwettqu. Tali reati joħolqu theddida għaċ-ċittadini tal-Unjoni u, għalhekk, jeħtieġu rispons xieraq u effettiv, li ***ħafna drabi jirrikjedi kooperazzjoni transfruntiera effettiva***. | (3) Iż-żieda fit-traffikar tal-armi tan-nar u reati oħrajn relatati mal-armi tan-nar u l-effetti tagħhom, li jimminaw l-effettività tad-dritt tal-Unjoni dwar l-armi tan-nar, hija kwistjoni ta' tħassib kontinwu fl-Unjoni. Tali reati jestendu dejjem aktar lil hinn mill-fruntieri tal-Istati Membri fejn jitwettqu. Tali reati joħolqu theddida għaċ-ċittadini tal-Unjoni u, għalhekk, jeħtieġu rispons xieraq***, ikkordinat*** u effettiv***. Din iż-żieda hija kkawżata wkoll mill-kontinwazzjoni u l-emerġenza kemm ta' kunflitti armati kif ukoll ta' disturbi interni barra mill-Unjoni***, li ***jiddependu ħafna fuq armi tan-nar, kemm leċiti kif ukoll illeċiti, li mbagħad jistgħu jiċċirkolaw ferm lil hinn miż-żona li fiha*** |

***jkunu ntużaw u ddaħħlu fl-Unjoni.***

Or. en

**Emenda 3**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (4) Il-manifatturar illeċitu tal-armi tan-nar ***tinkludi*** l-manifatturar privat ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali u munizzjon bl-użu ta' printer 3D, magna tat-tħin tal-metall tal-Qtugħ Numeriku bil-Kompjuter (CNC, Computer Numerical Cutting) jew sistema simili mħaddma bil-kompjuter, mingħajr awtorizzazzjoni bħala negozjant. Il-blueprints huma prerekwiżit essenzjali għal dan it-tip ta' produzzjoni. Il-manifatturar illeċitu bbażat fuq il-Blueprints qed isir sors dejjem aktar importanti ta' armi tan-nar għall-użu mill-kriminalità organizzata u mit-terroriżmu, u qed jipproduċi armi tan-nar li ma humiex magħrufa u ma jistgħux jiġu traċċati mill-bidu nett. | (4) Il-manifatturar illeċitu tal-armi tan-nar***, matul dawn l-aħħar snin, evolva biex jinkludi*** l-manifatturar privat ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali u munizzjon bl-użu ta' printer 3D, magna tat-tħin tal-metall tal-Qtugħ Numeriku bil-Kompjuter (CNC, Computer Numerical Cutting) jew sistema simili mħaddma bil-kompjuter, mingħajr awtorizzazzjoni bħala negozjant. Il-blueprints huma prerekwiżit essenzjali għal dan it-tip ta' produzzjoni. ***Kif rikonoxxut fir-rakkomandazzjonijiet stabbiliti fir-Riżoluzzjoni 12/3 tan-NU tal-2024 adottata fit-12-il sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali li saret fi Vjenna mill-14 sat-18 ta' Ottubru 2024[1a],*** il-manifatturar illeċitu bbażat fuq il-Blueprints qed isir sors dejjem aktar importanti ta' armi tan-nar għall-użu mill-kriminalità organizzata u mit-terroriżmu, u qed jipproduċi armi tan-nar li ma humiex magħrufa u ma jistgħux jiġu traċċati mill-bidu nett. ***L-hekk imsejħa "armi fittizji" dehru f'diversi investigazzjonijiet kriminali madwar l-Unjoni.*** |

***[1a] Il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tar-Riżoluzzjoni 12/3 kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali intitolata "It-tisħiħ tal-miżuri, inkluż skont il-***

***Protokoll dwar l-Armi tan-Nar, sabiex jiġu prevenuti, miġġielda u eradikati kemm il-manifatturar illeċitu ta' armi tan-nar kif ukoll it-traffikar tagħhom, kif ukoll tal-partijiet u l-komponenti tagħhom u l-munizzjon, fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi",***
***https://www.unodc.org/documents/treaties/COP12/Resolutions/E/Resolution_12_3.pdf***

Or. en

**Emenda 4**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (11) Fil-kuntest ta' dawk l-istrumenti, jenħtieġ li r-riattivazzjoni b'mod illeċitu tal-armi tan-nar diżattivati tiġi kkunsidrata bħala manifatturar illeċitu, billi ***r-riattivazzjoni*** li ssir mingħajr l-awtorizzazzjoni meħtieġa skont id-Direttiva (UE) 2021/555 ***tinvolvi manipulazzjoni li*** titqies bħala manifatturar. ***Jenħtieġ li s-senserija illeċita tal-armi tan-nar titqies bħala traffikar illeċitu tal-armi tan-nar, billi l-prerekwiżit għall-kummerċ huwa li wieħed ikollu liċenzja bħala sensar, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2021/555. Jenħtieġ li n-negozjar illeċitu jitqies bħala t-traffikar illeċitu tal-armi tan-nar jew il-manifatturar illeċitu tagħhom, jew it-tnejn, billi l-prerekwiżit kemm għall-manifatturar kif ukoll għall-kummerċ huwa li wieħed ikollu liċenzja bħala negozjant f'konformità mad-Direttiva (UE) 2021/555. Jenħtieġ li l-ksur ta' embargo fuq l-armi jitqies bħala traffikar illeċitu tal-armi tan-nar, billi l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi taħt embargos fuq l-armi jenħtieġ li ma jingħatawx awtorizzazzjoni. In-nuqqas ta'*** | (11) Fil-kuntest ta' dawk l-istrumenti, jenħtieġ li r-riattivazzjoni b'mod illeċitu tal-armi tan-nar diżattivati***, il-konverżjoni, il-modifika, it-tiswija jew l-aġġornament illeċitu ta' armi tal-allarm u tas-sinjal, armi tas-salut u akustiċi jew armi tan-nar u l-immuntar illeċitu ta' arma tan-nar fuq sistema mingħajr ekwipaġġ*** tiġi kkunsidrata bħala manifatturar illeċitu, billi ***l-manipulazzjoni*** li ssir mingħajr l-awtorizzazzjoni ***tan-negozjant*** meħtieġa skont id-Direttiva (UE) 2021/555 titqies bħala manifatturar. |

***awtorizzazzjoni huwa element essenzjali fid-definizzjoni ta' traffikar tal-armi tan-nar.***

Or. en

**Emenda 5**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11a) Jenħtieġ li s-senserija illeċita tal-armi tan-nar titqies bħala traffikar illeċitu tal-armi tan-nar, billi l-prerekwiżit għall-kummerċ huwa li wieħed ikollu liċenzja bħala sensar, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2021/555. Jenħtieġ li l-negozjar illeċitu jitqies bħala traffikar illeċitu tal-armi tan-nar, negozjar illeċitu, manifatturar illeċitu jew taħlita tagħhom peress li l-prerekwiżit kemm għall-manifatturar kif ukoll għan-negozjar huwa li wieħed ikollu liċenzja bħala negozjant f'konformità mad-Direttiva (UE) 2021/555. Jenħtieġ li l-ksur ta' embargo fuq l-armi jitqies bħala traffikar illeċitu tal-armi tan-nar, billi l-esportazzjonijiet lejn pajjiżi taħt embargos fuq l-armi jenħtieġ li ma jingħatawx awtorizzazzjoni. In-nuqqas ta' awtorizzazzjoni bħala sensar jew negozjant huwa element essenzjali fid-definizzjoni tat-traffikar tal-armi tan-nar u n-negozjar illeċitu. Filwaqt li n-negozjar illeċitu jista' jseħħ fi Stat Membru, bejn Stati Membri, jew bejn Stati Membri u pajjiżi terzi, it-traffikar illeċitu huwa, skont id-definizzjoni, tranżnazzjonali.*** |

Or. en

**Emenda 6**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 11b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(11b) Huwa meħtieġ ukoll li jiġi żgurat li l-imġiba ta' inċitament, għajnuna u kompliċità, u t-tentattiv li jitwettaq kwalunkwe wieħed minn dawk ir-reati tiġi kriminalizzata. Il-kunċett ta' "tentattiv" jenħtieġ li jiġi interpretat f'konformità mal-liġi nazzjonali.*** |

Or. en

**Emenda 7**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 12**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (12) Jenħtieġ li d-drittijiet taċ-ċittadini li legalment ikunu fil-pussess, jużaw u jimmanifatturaw armi tan-nar, komponenti essenzjali jew munizzjon f'konformità mad-Direttiva (UE) 2021/555 u mar-Regolament (UE) 2025/41 ma jiġux affettwati. | (12) Jenħtieġ li d-drittijiet taċ-ċittadini ***u tal-persuni ġuridiċi*** li legalment ikunu fil-pussess, jużaw u jimmanifatturaw armi tan-nar, komponenti essenzjali jew munizzjon f'konformità mad-Direttiva (UE) 2021/555 u mar-Regolament (UE) 2025/41 ma jiġux affettwati. |

Or. en

**Emenda 8**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 13**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (13) Teknoloġiji ġodda li jippermettu l-manifatturar privat ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali u munizzjon, bħall-istampar 3D, imsejjaħ ukoll manifatturar | (13) Teknoloġiji ġodda li jippermettu l-manifatturar privat ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali u munizzjon, bħall-istampar 3D, imsejjaħ ukoll manifatturar |

additttiv, ħarġu matul l-aħħar snin u qed isiru dejjem aktar aċċessibbli u affordabbli. Din it-teknoloġija tiddependi fuq blueprints diġitali li jistgħu jitniżżlu, jitqassmu u jintużaw għall-produzzjoni illeċita tal-armi tan-nar. Filwaqt li qiesu l-evoluzzjoni tat-theddida, ***u f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet magħmula fir-Riżoluzzjoni 12/3[7] tan-NU adottata fit-12-il sessjoni tal-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti kontra l-Kriminalità Organizzata Tranżnazzjonali li saret fi Vjenna mill-14 sat-18 ta' Ottubru 2024,*** jenħtieġ li l-pussess, l-aċċess, id-distribuzzjoni u l-ħolqien ta' blueprints jiġu kriminalizzati fl-Istati Membri kollha.

additttiv, ħarġu matul l-aħħar snin u qed isiru dejjem aktar aċċessibbli u affordabbli. Din it-teknoloġija tiddependi fuq blueprints diġitali li jistgħu jitniżżlu, jitqassmu u jintużaw għall-produzzjoni illeċita tal-armi tan-nar. Filwaqt li qiesu l-evoluzzjoni tat-theddida, jenħtieġ li l-pussess, l-aċċess, id-distribuzzjoni u l-ħolqien ta' blueprints jiġu kriminalizzati fl-Istati Membri kollha. ***Il-metodi ta' manifatturar additttiv, bħall-istampar 3D, jistgħu jkunu xprunatur siewi għall-produzzjoni u l-innovazzjoni industrijali. Jenħtieġ li kwalunkwe restrizzjoni, f'termini tal-użu tagħha, ma taffettwax l-użu leġittimu min-negozjanti tal-armi tan-nar awtorizzati f'konformità mad-Direttiva (UE) 2021/555 jew minn persuni ġuridiċi jew fiżiċi awtorizzati oħrajn. Jenħtieġ li ma tkunx immirata lejn ir-riċerka u l-iżvilupp innovattiv tas-settur.***

---

*[7] [7]**Riżoluzzjoni 12/3 It-tisħiħ tal-miżuri, inklużi skont il-Protokoll dwar l-Armi tan-Nar, sabiex jiġu prevenuti, miġġielda u eradikati kemm il-manifatturar illeċitu ta' armi tan-nar kif ukoll it-traffikar tagħhom, kif ukoll tal-partijiet u l-komponenti tagħhom u tal-munizzjon, fid-dawl tal-iżviluppi teknoloġiċi, il-Konferenza tal-Partijiet għall-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti Kontra l-Kriminalità Organizzata Transnazzjonali.***

Or. en

**Emenda 9**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (14) Jenħtieġ li ssir enfasi partikolari fuq ***it-tixrid tal-blueprints*** minħabba n-natura | (14) Jenħtieġ li ssir enfasi partikolari fuq ***it-tqegħid tal-blueprints għad-*** |

intrinsikament espansiva tagħhom. Ladarba blueprint ***jiġi kondiviż*** online, dan malajr isir inkontrollabbli, u b'hekk jinħoloq ċiklu fejn jiġi kkopjat u mifrux fuq bosta pjattaformi, filwaqt li tiġi evitata s-sorveljanza tradizzjonali. Għalhekk, jenħtieġ li ***t-tixrid tal-blueprints*** jikkostitwixxi reat kriminali fi kwalunkwe ċirkostanza, għall-kuntrarju tar-reati tal-ħolqien, l-akkwist, il-pussess u l-kondiviżjoni tal-blueprints. Jenħtieġ li l-enfasi tkun fuq il-prevenzjoni ***tat-tixrid*** billi jiġu stabbiliti standards stretti ta' responsabbiltà li jeħtieġu negliġenza fuq l-intenzjoni kriminali li jikkostitwixxu reat.

***dispożizzjoni tal-pubbliku*** minħabba n-natura intrinsikament espansiva tagħhom. Ladarba blueprint ***isir disponibbli għall-pubbliku*** online, dan malajr isir inkontrollabbli, u b'hekk jinħoloq ċiklu fejn jiġi kkopjat u mifrux fuq bosta pjattaformi, filwaqt li tiġi evitata s-sorveljanza tradizzjonali. Għalhekk, jenħtieġ li ***t-tqegħid tal-blueprints għad-dispożizzjoni tal-pubbliku*** jikkostitwixxi reat kriminali fi kwalunkwe ċirkostanza, għall-kuntrarju tar-reati tal-ħolqien, l-akkwist, il-pussess u li ***l-blueprints isiru disponibbli għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi mhux awtorizzati***. Jenħtieġ li l-enfasi tkun fuq il-prevenzjoni ***tal-fatt li l-blueprints isiru disponibbli għall-pubbliku*** billi jiġu stabbiliti standards stretti ta' responsabbiltà li jeħtieġu negliġenza ***serja*** fuq l-intenzjoni kriminali li jikkostitwixxu reat.

Or. en

**Emenda 10**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 14a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(14a) Fir-rigward tar-reat kriminali li jsiru disponibbli għall-pubbliku blueprints kif definit f'din id-Direttiva, il-kunċett ta' "negliġenza serja" jenħtieġ li jiġi interpretat f'konformità mal-liġi nazzjonali, filwaqt li titqies il-ġurisprudenza rilevanti tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-Direttiva ma tirrikjedix l-introduzzjoni fil-liġi nazzjonali tal-kunċett ta' "negliġenza serja" għal kull element kostitwenti tar-reat kriminali. F'każijiet bħal dawn, huwa possibbli għall-Istati Membri li jiddeċiedu li l-kunċett ta' "negliġenza serja" huwa rilevanti għal elementi tar-reat kriminali bħall-"probabbiltà" tal-imġiba li tippermetti t-twettiq ta' reati oħra kif*** |

***definiti skont il-liġi nazzjonali, jew li jista' jiġi interpretat b'mod differenti skont id-dmir ta' diliġenza li persuna fiżika jew ġuridika kellha tikkonforma miegħu skont il-liġijiet nazzjonali rilevanti.***

Or. en

**Emenda 11**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 15**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(15) Il-metodi ta' manifatturar addittiv, bħall-istampar 3D, jistgħu jkunu xprunatur siewi għall-produzzjoni u l-innovazzjoni industrijali. Jenħtieġ li kwalunkwe restrizzjoni, f'termini tal-użu tagħha, ma taffettwax l-użu leġittimu min-negozjanti tal-armi tan-nar awtorizzati f'konformità mad-Direttiva (UE) 2021/555 jew minn persuni ġuridiċi jew fiżiċi awtorizzati oħrajn. Jenħtieġ li ma tkunx immirata lejn ir-riċerka u l-iżvilupp innovattiv tas-settur.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 12**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 17**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (17) Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti livelli minimi għat-terminu massimu ta' priġunerija għall-persuni fiżiċi. Minħabba l-ħsara potenzjali li arma tan-nar tista' tikkawża, li tinkludi korriment serju u mewt, u fid-dawl tal-ħajja twila tal-armi tan-nar, huwa xieraq li jiġu stabbiliti livelli minimi li jirriflettu r- | (17) Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti livelli minimi għat-terminu massimu ta' priġunerija għall-persuni fiżiċi. Minħabba l-ħsara potenzjali li arma tan-nar tista' tikkawża, li tinkludi korriment serju u mewt***, kif muri mill-isparar li seħħ f'ħafna Stati Membri***, u fid-dawl tal-ħajja twila tal-armi tan-nar, |

riskju għall-ħajja assoċjat ma' reati relatati mal-armi tan-nar u li jkunu proporzjonati għar-riskju speċifiku, is-serjetà u l-grad ta' illegalità tar-reat. Jenħtieġ li t-termini massimi ta' priġunerija previsti f'din id-Direttiva għar-reati kriminali mwettqa minn persuni fiżiċi japplikaw mill-anqas għall-aktar forom serji ta' tali reati. Din id-Direttiva ma tistabbilixxi l-ebda rekwiżit għal-livell minimu ta' pieni li l-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw lil hinn mill-ħtieġa li jiġi żgurat li l-pieni jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati b'mod ġenerali.

huwa xieraq li jiġu stabbiliti livelli minimi li jirriflettu r-riskju għall-ħajja assoċjat ma' reati relatati mal-armi tan-nar u li jkunu proporzjonati għar-riskju speċifiku, is-serjetà u l-grad ta' illegalità tar-reat. Jenħtieġ li t-termini massimi ta' priġunerija previsti f'din id-Direttiva għar-reati kriminali mwettqa minn persuni fiżiċi japplikaw mill-anqas għall-aktar forom serji ta' tali reati. Din id-Direttiva ma tistabbilixxi l-ebda rekwiżit għal-livell minimu ta' pieni li l-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw lil hinn mill-ħtieġa li jiġi żgurat li l-pieni jkunu effettivi, dissważivi u proporzjonati b'mod ġenerali.

Or. en

**Emenda 13**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 19**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (19) Sa fejn l-imġiba li tikkostitwixxi t-traffikar tal-armi tan-nar u reati kriminali oħrajn relatati mal-armi tan-nar tkun attribwibbli għal persuni ġuridiċi, jenħtieġ li tali persuni ġuridiċi jinżammu responsabbli għal tali reat biss fejn l-elementi kostitwenti kollha tar-reati kriminali stabbiliti fl-Artikolu 3 jiġu ssodisfati. Jenħtieġ li r-responsabbiltà tiżgura l-obbligu ta' rendikont, tipprevjeni u tiskoraġġixxi reati kriminali ulterjuri. Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri li l-liġi tagħhom tipprevedi r-responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi jenħtieġ li jiżguraw li l-liġi tagħhom tipprevedi tipi u livelli effettivi, dissważivi u proporzjonati ta' pieni kriminali. Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri li l-liġi tagħhom ma tipprevedix ir-responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi jenħtieġ li jiżguraw li l-liġi tagħhom tipprevedi tipi u | (19) Sa fejn l-imġiba li tikkostitwixxi t-traffikar tal-armi tan-nar u reati kriminali oħrajn relatati mal-armi tan-nar tkun attribwibbli għal persuni ġuridiċi, jenħtieġ li tali persuni ġuridiċi jinżammu responsabbli għal tali reat biss fejn l-elementi kostitwenti kollha tar-reati kriminali stabbiliti fl-Artikolu 3 jiġu ssodisfati. Jenħtieġ li r-responsabbiltà tiżgura l-obbligu ta' rendikont, tipprevjeni u tiskoraġġixxi reati kriminali ulterjuri***, li tirrikjedi superviżjoni u kontroll b'saħħithom, u l-kriminalizzazzjoni tan-nuqqas ta' eżerċitar ta' tali superviżjoni u kontroll***. Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva, l-Istati Membri li l-liġi tagħhom tipprevedi r-responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi jenħtieġ li jiżguraw li l-liġi tagħhom tipprevedi tipi u livelli effettivi, dissważivi u proporzjonati ta' pieni kriminali. Sabiex jintlaħqu l-objettivi ta' din id-Direttiva, l-Istati |

livelli effettivi, dissważivi u proporzjonati ta' pieni mhux kriminali. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ammonti minimi għal-livelli massimi ta' multi. Il-livelli massimi ta' multi previsti f'din id-Direttiva għar-reati kriminali jenħtieġ li japplikaw mill-anqas għall-aktar forom serji ta' reati bħal dawn, kif speċifikat mid-Direttiva. Jenħtieġ li jitqiesu l-gravità tal-imġiba, kif ukoll iċ-ċirkostanzi individwali, finanzjarji u oħrajn tal-persuni ġuridiċi kkonċernati, sabiex jiġi żgurat li l-piena imposta tkun effettiva, dissważiva u proporzjonata. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu l-livelli massimi ta' multi jew bħala persentaġġ tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika kkonċernata, jew f'ammonti fissi.

Membri li l-liġi tagħhom ma tipprevedix ir-responsabbiltà kriminali tal-persuni ġuridiċi jenħtieġ li jiżguraw li l-liġi tagħhom tipprevedi tipi u livelli effettivi, dissważivi u proporzjonati ta' pieni mhux kriminali. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti ammonti minimi għal-livelli massimi ta' multi. Il-livelli massimi ta' multi previsti f'din id-Direttiva għar-reati kriminali jenħtieġ li japplikaw mill-anqas għall-aktar forom serji ta' reati bħal dawn, kif speċifikat mid-Direttiva. Jenħtieġ li jitqiesu l-gravità tal-imġiba, kif ukoll iċ-ċirkostanzi individwali, finanzjarji u oħrajn tal-persuni ġuridiċi kkonċernati, sabiex jiġi żgurat li l-piena imposta tkun effettiva, dissważiva u proporzjonata. Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jistabbilixxu l-livelli massimi ta' multi jew bħala persentaġġ tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika kkonċernata, jew f'ammonti fissi.

Or. en

**Emenda 14**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 26**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (26) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li mill-inqas waħda miċ-ċirkostanzi aggravanti previsti f'din id-Direttiva tiġi prevista bħala ċirkostanza aggravanti possibbli f'konformità mar-regoli applikabbli fis-sistema legali tagħhom. Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li jibqa' fid-diskrezzjoni tal-imħallef jew tal-qorti li jiddeterminaw jekk għandhiex tiżdied jew titnaqqas is-sentenza, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull kawża individwali. | (26) Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li mill-inqas waħda miċ-ċirkostanzi aggravanti previsti f'din id-Direttiva tiġi prevista bħala ċirkostanza aggravanti possibbli f'konformità mar-regoli applikabbli fis-sistema legali tagħhom. ***Tali ċirkostanzi aggravanti jenħtieġ li jinkludu l-iskoperta matul l-investigazzjonijiet ta' aktar minn arma tan-nar waħda, jew ta' arma tan-nar tal-Kategorija A jew B, jew każijiet fejn ir-reat ikun twettaq bl-involviment ta' minorenni. Jekk ir-reat kriminali jkun twettaq f'ambjent fejn ikun hemm tħassib raġonevoli li l-arma/armi tan-nar tista'/jistgħu tintuża/jintużaw għal*** |

***finijiet kriminali, dan jenħtieġ li jitqies ukoll bħala ċirkostanza aggravanti.*** Fi kwalunkwe każ, jenħtieġ li jibqa' fid-diskrezzjoni tal-imħallef jew tal-qorti li jiddeterminaw jekk għandhiex tiżdied jew titnaqqas is-sentenza, filwaqt li jitqiesu ċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull kawża individwali.

Or. en

**Emenda 15**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 27**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(27) Meta jiġi skopert għadd kbir ta' armi tan-nar waqt investigazzjoni, jenħtieġ li dan jitqies bħala ċirkostanza aggravanti. Għal dak il-għan, jenħtieġ li l-Istati Membri jkollhom fehim komuni ta' xi jfisser għadd kbir ta' armi tan-nar.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 16**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 29**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (29) Jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika mingħajr ma taffettwa r-regoli u l-prinċipji ġenerali tal-liġi kriminali nazzjonali dwar l-għoti tas-sentenzi jew l-eżekuzzjoni tas-sentenzi f'konformità maċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull kawża individwali. Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jiddeterminaw l-aktar tipi xierqa ta' pieni jew miżuri aċċessorji. B'mod partikolari, jekk l-irtirar tal-permessi u l-awtorizzazzjonijiet biex jitwettqu l- | (29) Jenħtieġ li din id-Direttiva tapplika mingħajr ma taffettwa r-regoli u l-prinċipji ġenerali tal-liġi kriminali nazzjonali dwar l-għoti tas-sentenzi jew l-eżekuzzjoni tas-sentenzi f'konformità maċ-ċirkostanzi speċifiċi f'kull kawża individwali***, inklużi kunsiderazzjonijiet rigward l-età, il-kapaċità konjittiva, jew il-grad ta' koerċizzjoni li għalih kien soġġett l-allegat awtur tar-reat***. Jenħtieġ li jkun possibbli għall-Istati Membri li jiddeterminaw l- |

| | |
|---|---|
| attivitajiet li rriżultaw fir-reat kriminali rilevanti jista' jiġi impost bħala piena skont il-liġi nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-imħallfin jew il-qrati jkunu jistgħu, jew jimponu tali piena huma stess jew li awtorità kompetenti oħra tiġi infurmata u tkun tista' taġixxi f'konformità mar-regoli proċedurali nazzjonali. | aktar tipi xierqa ta' pieni jew miżuri aċċessorji. B'mod partikolari, jekk l-irtirar tal-permessi u l-awtorizzazzjonijiet biex jitwettqu l-attivitajiet li rriżultaw fir-reat kriminali rilevanti jista' jiġi impost bħala piena skont il-liġi nazzjonali, jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-imħallfin jew il-qrati jkunu jistgħu, jew jimponu tali piena huma stess jew li awtorità kompetenti oħra tiġi infurmata u tkun tista' taġixxi f'konformità mar-regoli proċedurali nazzjonali. |

Or. en

**Emenda 17**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 30**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (30) Sabiex jiġu żgurati investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet effettivi tat-traffikar tal-armi tan-nar u ta' reati kriminali oħrajn relatati mal-armi tan-nar, dawk responsabbli għall-investigazzjoni jew għall-prosekuzzjoni ta' tali reati jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jagħmlu użu minn għodod ta' investigazzjoni effettivi bħal dawk li jintużaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew reati serji oħrajn. Jenħtieġ li, fejn xieraq, tali għodod jinkludu, pereżempju, it-tfittxija ta' kwalunkwe proprjetà personali, l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet, is-sorveljanza bil-moħbi inkluża s-sorveljanza elettronika, it-teħid u ż-żamma ta' reġistrazzjonijiet awdjo, f'vetturi u f'postijiet privati jew pubbliċi, u ta' immaġnijiet viżivi ta' persuni f'vetturi u f'postijiet pubbliċi, kunsinni kkontrollati, u investigazzjonijiet finanzjarji. | (30) Sabiex jiġu żgurati investigazzjonijiet u prosekuzzjonijiet effettivi tat-traffikar tal-armi tan-nar u ta' reati kriminali oħrajn relatati mal-armi tan-nar, dawk responsabbli għall-investigazzjoni jew għall-prosekuzzjoni ta' tali reati jenħtieġ li jkollhom il-possibbiltà li jagħmlu użu minn għodod ta' investigazzjoni effettivi***, inklużi għodod investigattivi speċjali,*** bħal dawk li jintużaw fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew reati serji oħrajn. Jenħtieġ li, fejn xieraq, tali għodod jinkludu, pereżempju, it-tfittxija ta' kwalunkwe proprjetà personali, l-interċettazzjoni ta' komunikazzjonijiet, is-sorveljanza bil-moħbi inkluża s-sorveljanza elettronika, it-teħid u ż-żamma ta' reġistrazzjonijiet awdjo, f'vetturi u f'postijiet privati jew pubbliċi, u ta' immaġnijiet viżivi ta' persuni f'vetturi u f'postijiet pubbliċi, kunsinni kkontrollati, u investigazzjonijiet finanzjarji. |

Or. en

**Emenda 18**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 30a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(30a) L-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati koperti minn din id-Direttiva spiss jirrikjedu l-użu koordinat ta' miżuri investigattivi, inklużi għodod investigattivi speċjali, f'diversi Stati Membri. Hija meħtieġa koordinazzjoni ġudizzjarja u tal-pulizija effettiva biex jiġu żgurati l-legalità, in-neċessità, il-proporzjonalità u l-effettività ta' tali miżuri u biex jiġu ffaċilitati l-ġbir u l-ammissibbiltà tal-evidenza bejn il-ġuriżdizzjonijiet. Fi ħdan il-mandati tagħhom, jenħtieġ li l-Europol u l-Eurojust jappoġġaw lill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti billi jiffaċilitaw il-kooperazzjoni u l-koordinazzjoni bejn dawk l-awtoritajiet, inkluż, għall-awtoritajiet ġudizzjarji, fir-rigward tal-eżekuzzjoni ta' Ordnijiet ta' Investigazzjoni Ewropej u l-varar koordinat ta' miżuri investigattivi f'investigazzjonijiet transfruntieri.*** |

Or. en

**Emenda 19**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 31**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (31) Jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa f'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[8]***. Sabiex tiġi żgurata konsistenza terminoloġika ma' strumenti leġiżlattivi oħrajn dwar l-armi tan-nar, bħall-Protokoll | (31) ***Għall-fini ta' din id-Direttiva,*** jenħtieġ li l-Istati Membri jkunu jistgħu jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa f'konformità mad-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[22]***. Sabiex tiġi żgurata konsistenza terminoloġika ma' strumenti leġiżlattivi |

tan-NU u r-Regolament dwar l-Armi tan-Nar, jenħtieġ li jintuża t-terminu “sekwestru” f’din id-Direttiva. Fil-kuntest tas-sekwestri ta’ armi tan-nar, komponenti essenzjali u munizzjon, jenħtieġ li “sekwestru” jinftiehem bħala “iffriżar” kif deskritt fid-Direttiva (UE) 2024/1260.

oħrajn dwar l-armi tan-nar, bħall-Protokoll tan-NU u r-Regolament dwar l-Armi tan-Nar, jenħtieġ li jintuża t-terminu “sekwestru” f’din id-Direttiva. Fil-kuntest tas-sekwestri ta’ armi tan-nar, komponenti essenzjali u munizzjon, jenħtieġ li “sekwestru” jinftiehem bħala “iffriżar” kif deskritt fid-Direttiva (UE) 2024/1260. ***Kwalunkwe tagħmir użat għat-twettiq ta’ kwalunkwe wieħed mir-reati definiti f’din id-Direttiva, inklużi printers 3D, magni tat-tħin tal-metall tal-Qtugħ Numeriku bil-Kompjuter (CNC) jew sistemi simili mħaddma bil-kompjuter, jistgħu wkoll, f’konformità mal-liġi nazzjonali, jitqiesu bħala mezzi strumentali ta’ kriminalità u jiġu sekwestrati bħala parti mill-investigazzjonijiet.***

[8] (8) Id-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ April 2024 dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi, (ĠU L, 2024/1260, 2.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1260/oj)

[8] (8) Id-Direttiva (UE) 2024/1260 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta’ April 2024 dwar l-irkupru u l-konfiska tal-assi, (ĠU L, 2024/1260, 2.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2024/1260/oj)

Or. en

**Emenda 20**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 32a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(32a) Kif appoġġat minn evidenza xjentifika, il-ġlieda kontra r-reati relatati mal-armi tan-nar issir aktar effiċjenti meta tinkludi azzjonijiet ta’ prevenzjoni u tnaqqis fid-domanda. Sabiex jiffinanzjaw il-kampanji preventivi u ta’ sensibilizzazzjoni skont din id-Direttiva, li jenħtieġ li jiffukaw fuq it-tnaqqis tad-domanda għal armi tan-nar illeċiti u l-limitazzjoni tar-riskju li l-minorenni jirreġistraw f’tali networks kriminali, jenħtieġ li l-Istati Membri, f’konformità*** |

***mal-liġijiet nazzjonali tagħhom, jallokaw porzjon tal-assi kkonfiskati bħala parti minn investigazzjonijiet kriminali fil-qasam tal-kriminalità relatata mal-armi tan-nar għal dak l-għan. Din id-Direttiva tħeġġeġ ukoll lill-Istati Membri jorganizzaw kampanji volontarji ta' ċediment tal-armi tan-nar u tipprevedi metodi differenti ta' rimi, inkluża l-qerda kemm tal-armi tan-nar maqbuda kif ukoll ta' dawk ċeduti, bl-għan li titrażżan il-kwantità ta' armi tan-nar illeċiti fiċ-ċirkolazzjoni.***

Or. en

**Emenda 21**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 33**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (33) Minħabba, b'mod partikolari, il-mobilità tal-awturi tar-reati, flimkien man-natura transfruntiera tar-reati kriminali definiti f'din id-Direttiva u l-possibbiltà li jsiru investigazzjonijiet transfruntieri, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu ġuriżdizzjoni sabiex jiġġieldu tali reati b'mod effettiv. Meta reat kriminali jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jikkooperaw biex jiddeterminaw liema Stat Membru jkun fl-aħjar pożizzjoni biex jieħdu passi kriminali, inkluż permezz ***tal-assistenza*** tal-Eurojust abbażi tar-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[9]***. Jenħtieġ li Stat Membru partikolari jistabbilixxi l-ġuriżdizzjoni fuq reati kriminali mwettqa abbord bastiment jew inġenju tal-ajru rreġistrat f'dak l-Istat Membru, jew li jtajjar il-bandiera tiegħu, filwaqt li jqis l-istandards relatati skont il-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti. | (33) Minħabba, b'mod partikolari, il-mobilità tal-awturi tar-reati, flimkien man-natura transfruntiera tar-reati kriminali definiti f'din id-Direttiva u l-possibbiltà li jsiru investigazzjonijiet transfruntieri, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu ġuriżdizzjoni sabiex jiġġieldu tali reati b'mod effettiv. Meta reat kriminali jaqa' taħt il-ġuriżdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, jenħtieġ li l-Istati Membri kkonċernati jikkooperaw biex jiddeterminaw liema Stat Membru jkun fl-aħjar pożizzjoni biex jieħdu passi kriminali, inkluż permezz ***tal-appoġġ*** tal-Eurojust abbażi tar-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[23]***. Jenħtieġ li Stat Membru partikolari jistabbilixxi l-ġuriżdizzjoni fuq reati kriminali mwettqa abbord bastiment jew inġenju tal-ajru rreġistrat f'dak l-Istat Membru, jew li jtajjar il-bandiera tiegħu, filwaqt li jqis l-istandards relatati skont il-konvenzjonijiet internazzjonali rilevanti. |

[9] (9)Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138, , ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/164/oj).

[9] (9)Ir-Regolament (UE) 2018/1727 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fil-Ġustizzja Kriminali (Eurojust), u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2002/187/ĠAI (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 138, , ELI: http://data.europa.eu/eli/dec/2014/164/oj).

Or. en

**Emenda 22**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 34**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (34) In-nuqqas ta' riżorsi u ta' setgħat ta' infurzar għall-awtoritajiet nazzjonali li jindividwaw, jinvestigaw, jieħdu passi kriminali jew jiddeċiedu reati kriminali relatati mal-armi tan-nar joħloq ostakli għall-prevenzjoni effettiva ta' dawk ir-reati u l-għoti ta' sentenzi għalihom. B'mod partikolari, in-nuqqas ta' riżorsi jista' jipprevjeni lill-awtoritajiet milli jieħdu kwalunkwe azzjoni jew jillimita l-azzjonijiet ta' infurzar tagħhom, u dan jippermetti lill-awturi tar-reati jaħarbu mir-responsabbiltà jew jirċievu sentenza li ma tikkorrispondix mal-gravità tar-reat kriminali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali li jindividwaw, jieħdu passi kriminali jew jiddeċiedu fuq reati kriminali relatati mal-armi tan-nar ikollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u biżżejjed riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li jiżguraw ukoll il-livell adegwat ta' speċjalizzazzjoni ta' dawk l-awtoritajiet fil-qasam tar-reati kriminali | (34) In-nuqqas ta' riżorsi u ta' setgħat ta' infurzar għall-awtoritajiet nazzjonali li jindividwaw, jinvestigaw, jieħdu passi kriminali jew jiddeċiedu reati kriminali relatati mal-armi tan-nar joħloq ostakli għall-prevenzjoni effettiva ta' dawk ir-reati u l-għoti ta' sentenzi għalihom. B'mod partikolari, in-nuqqas ta' riżorsi jista' jipprevjeni lill-awtoritajiet milli jieħdu kwalunkwe azzjoni jew jillimita l-azzjonijiet ta' infurzar tagħhom, u dan jippermetti lill-awturi tar-reati jaħarbu mir-responsabbiltà jew jirċievu sentenza li ma tikkorrispondix mal-gravità tar-reat kriminali. Jenħtieġ li l-Istati Membri jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali li jindividwaw, jieħdu passi kriminali jew jiddeċiedu fuq reati kriminali relatati mal-armi tan-nar ikollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u biżżejjed riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi għat-twettiq effettiv tal-funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva. Jenħtieġ li jiżguraw ukoll il-livell adegwat ta' speċjalizzazzjoni ta' dawk l-awtoritajiet fil-qasam tar-reati kriminali |

| | |
|---|---|
| relatati mal-armi tan-nar, f'konformità mal-liġi nazzjonali. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu kriterji minimi fir-rigward tar-riżorsi u tas-setgħat ta' infurzar. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jitqiesu t-tradizzjonijiet kostituzzjonali u l-istruttura tas-sistema legali tal-Istati Membri, kif ukoll ċirkostanzi nazzjonali oħrajn. | relatati mal-armi tan-nar, f'konformità mal-liġi nazzjonali ***u billi jagħmlu użu minn programmi ta' taħriġ iffinanzjati fil-livell tal-Unjoni, inkluż it-taħriġ ipprovdut mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) skont ir-Regolament (UE) 2015/2219 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill***[1a]. Għalhekk, jenħtieġ li l-Istati Membri jistabbilixxu kriterji minimi fir-rigward tar-riżorsi u tas-setgħat ta' infurzar. F'dan il-kuntest, jenħtieġ li jitqiesu t-tradizzjonijiet kostituzzjonali u l-istruttura tas-sistema legali tal-Istati Membri, kif ukoll ċirkostanzi nazzjonali oħrajn. |
| | ***[1a] Ir-Regolament (UE) Nru 2015/2219 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2015 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għat-Taħriġ fl-Infurzar tal-Liġi (CEPOL) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2005/681/ĠAI (ĠU L 319, 4.12.2015, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2015/2219/oj ).*** |

Or. en

**Emenda 23**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 35**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (35) L-istabbiliment jew il-ħatra ta' Punti Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar huma għodda essenzjali għall-kooperazzjoni transfruntiera kif rikonoxxuta fl-istrumenti ta' politika. Għalhekk, jenħtieġ li kull Stat Membru jistabbilixxi tali Punt Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar inkarigat b'responsabbiltajiet simili. L-għan ewlieni | (35) L-istabbiliment jew il-ħatra ta' Punti Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar huma għodda essenzjali għall-kooperazzjoni transfruntiera kif rikonoxxuta fl-istrumenti ta' politika. Għalhekk, jenħtieġ li kull Stat Membru jistabbilixxi tali Punt Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar inkarigat b'responsabbiltajiet simili. L-għan ewlieni |

| | |
|---|---|
| huwa li jiġi pprovdut approċċ komprensiv għall-kontroll integrali tal-armi tan-nar. Jenħtieġ li dan isir f'livell strateġiku u operazzjonali permezz ta' ġbir, analiżi u kondiviżjoni kkoordinati ta' informazzjoni ***biex jittejjeb*** l-għarfien tat-theddid, u ***biex*** l-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi ***jiġu infurmati aħjar***. Il-Punt Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar jista' jkun ukoll il-korp nazzjonali ta' punt uniku ta' kuntatt imsemmi fl-Artikolu 13 tal-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar. | huwa li jiġi pprovdut approċċ komprensiv għall-kontroll integrali tal-armi tan-nar. Jenħtieġ li dan isir f'livell strateġiku u operazzjonali permezz ta' ġbir, analiżi u kondiviżjoni kkoordinati ta' informazzjoni ***u l-iżvilupp ta' għarfien espert tekniku u analiżi li kapaċi ttejjeb*** l-għarfien tat-theddid, ***u tinforma aħjar*** l-aġenziji nazzjonali tal-infurzar tal-liġi***, speċjalment b'appoġġ għall-investigazzjonijiet***. Il-Punt Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar jista' jkun ukoll il-korp nazzjonali ta' punt uniku ta' kuntatt imsemmi fl-Artikolu 13 tal-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar. ***Dawk il-Punti Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar jenħtieġ li jaġixxu wkoll bħala punti ta' dħul għall-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) stabbilita bir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a], l-Eurojust u s-CEPOL, meta jwettqu attivitajiet fil-qasam tal-ġlieda kontra l-armi tan-nar illeċiti, u f'konformità mal-mandati rispettivi tagħhom skont ir-Regolamenti (UE) 2016/794, (UE) 2018/1727 u (UE) 2015/2219.*** |
| | ***[1a] Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (ĠU L 135, 24.5.2016, p. 53, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/794/oj).*** |
| | Or. en |

**Emenda 24**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 36**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (36) n-natura transfruntiera tat-traffikar tal-armi tan-nar u reati kriminali oħrajn relatati mal-armi tan-nar teħtieġ rispons u kooperazzjoni kkoordinati b'saħħithom fi ħdan l-Istati Membri u bejniethom , kif ukoll ma' u fost l-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-Unjoni biex jiġi miġġieled it-traffikar tal-armi tan-nar, inkluż l-Eurojust, ***l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (***Europol***) stabbilita bir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[10],*** u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom u f'konformità mal-qafas legali applikabbli, u mal-pajjiżi ġirien, b'mod partikolari s-sħab tat-tkabbir. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jsir użu effiċjenti mill-għodod u mir-riżorsi disponibbli għall-kooperazzjoni, bħal skwadri ta' investigazzjoni konġunta u laqgħat ta' koordinazzjoni ffaċilitati mill-Eurojust. Il-karattru globali tat-traffikar tal-armi tan-nar u ta' reati kriminali oħrajn relatati mal-armi tan-nar jeħtieġ tweġiba internazzjonali***, li tirrikjedi*** li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jsaħħu l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi rilevanti. Huma meħtieġa wkoll rispons ikkoordinat u kooperazzjoni b'saħħithom bil-ħsieb li tiġi żgurata u tinkiseb evidenza elettronika. | (36) In-natura transfruntiera tat-traffikar tal-armi tan-nar u reati kriminali oħrajn relatati mal-armi tan-nar teħtieġ rispons u kooperazzjoni kkoordinati b'saħħithom fi ħdan l-Istati Membri u bejniethom , kif ukoll ma' u fost l-aġenziji u l-korpi rilevanti tal-Unjoni biex jiġi miġġieled it-traffikar tal-armi tan-nar, inkluż l-Eurojust, ***il-Europol*** u l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew, fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom u f'konformità mal-qafas legali applikabbli, u mal-pajjiżi ġirien, b'mod partikolari s-sħab tat-tkabbir. Għal dak il-għan, jenħtieġ li jsir użu effiċjenti mill-għodod u mir-riżorsi disponibbli għall-kooperazzjoni, bħal skwadri ta' investigazzjoni konġunta u laqgħat ta' koordinazzjoni ffaċilitati mill-Eurojust ***u mill-Europol***. Il-karattru globali tat-traffikar tal-armi tan-nar u ta' reati kriminali oħrajn relatati mal-armi tan-nar jeħtieġ tweġiba internazzjonali***. Huwa essenzjali li l-Istati Membri jinvolvu ruħhom b'mod proattiv mal-Europol billi jikkondividu informazzjoni dwar każijiet, kanali ta' provvista, u networks kriminali sabiex jiżviluppaw stampa komprensiva ta' intelligence tat-theddida. Huwa kruċjali wkoll*** li l-Unjoni u l-Istati Membri tagħha jsaħħu l-kooperazzjoni mal-pajjiżi terzi rilevanti. Huma meħtieġa wkoll rispons ikkoordinat u kooperazzjoni b'saħħithom bil-ħsieb li tiġi żgurata u tinkiseb evidenza elettronika. |

***[10].[(10)]Ir-Regolament (UE) 2016/794 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Kooperazzjoni fl-Infurzar tal-Liġi (Europol) u li jissostitwixxi u jħassar id-Deċiżjonijiet tal-Kunsill (ĠU L 135, 24.5.2016, pp. 53–114 http://data.europa.eu/eli/reg/2016/794/oj)***

Or. en

**Emenda 25**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 37**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (37) Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkriminalizzaw biss il-ħolqien, l-akkwist, il-pussess u l-kondiviżjoni mhux awtorizzati ta' blueprints li huma mfassla għall-manifatturar ta' armi tan-nar "live-firing", komponenti essenzjali jew munizzjon. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li joħolqu awtorizzazzjonijiet iddedikati għal persuna fiżika u/jew ġuridika biex tinvolvi ruħha ma' dawn il-blueprints b'mod legali. Dan huwa partikolarment importanti biex l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-industrija tal-armi tan-nar ikunu jistgħu jiżviluppaw ulterjorment metodi ta' produzzjoni ta' manifatturar. L-Istati Membri jistgħu jikkooperaw biex jiffaċilitaw l-ittestjar konġunt tal-blueprints u r-rikonoxximent reċiproku tar-riżultati ta' dawn it-testijiet. | (37) Jenħtieġ li l-Istati Membri jikkriminalizzaw biss il-ħolqien, l-akkwist, il-pussess u l-kondiviżjoni mhux awtorizzati ta' blueprints li huma mfassla għall-manifatturar ta' armi tan-nar "live-firing", komponenti essenzjali jew munizzjon. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li joħolqu awtorizzazzjonijiet iddedikati għal persuna fiżika u/jew ġuridika biex tinvolvi ruħha ma' dawn il-blueprints b'mod legali. Dan huwa partikolarment importanti biex l-istituzzjonijiet tar-riċerka u l-industrija tal-armi tan-nar ikunu jistgħu jiżviluppaw ulterjorment metodi ta' produzzjoni ta' manifatturar. ***Il-professjonisti rilevanti, inklużi l-ġurnalisti u r-riċerkaturi, jenħtieġ li jkunu jistgħu jiksbu wkoll tali awtorizzazzjonijiet, soġġetti għal valutazzjoni każ b'każ mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti f'konformità mal-liġi nazzjonali.*** L-Istati Membri jistgħu jikkooperaw biex jiffaċilitaw l-ittestjar konġunt tal-blueprints u r-rikonoxximent reċiproku tar-riżultati ta' dawn it-testijiet. |

Or. en

**Emenda 26**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 37a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(37a) L-evidenza elettronika qed issir dejjem aktar rilevanti għall-investigazzjoni u l-prosekuzzjoni ta' reati*** |

***koperti minn din id-Direttiva. Tali evidenza tista' tinkludi data ta' komunikazzjoni, rekords tranżazzjonali, data tas-suq online, u fajls diġitali relatati mal-manifattura, il-konverżjoni, l-akkwist, jew it-traffikar ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali, u munizzjon, inklużi blueprints tekniċi u fajls ta' disinn magħmul bl-għajnuna tal-kompjuter. F'investigazzjonijiet transfruntieri li jinvolvu evidenza elettronika maħżuna jew ipproċessata fi Stati Membri oħra, jenħtieġ li l-awtoritajiet kompetenti jagħmlu użu sħiħ mill-istrumenti previsti skont id-dritt tal-Unjoni, bl-Eurojust tiffaċilita l-koordinazzjoni, fi ħdan il-mandat tagħha, fir-rigward tal-użu ta' Ordnijiet ta' Produzzjoni Ewropej u Ordnijiet ta' Preservazzjoni Ewropej.***

Or. en

**Emenda 27**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 37b (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(37b) Il-ġlieda kontra l-attivitajiet kriminali relatati mal-armi tan-nar jenħtieġ li tiġi estiża għall-isfera online, inkluż billi jiġu indirizzati t-tfassil ta' blueprints disponibbli għall-pubbliku, l-inċitament tal-kummissjoni għat-twettiq ta' kwalunkwe mġiba kriminali koperta minn din id-Direttiva jew ir-reklutaġġ ta' minorenni online. L-isforzi tal-Istati Membri biex inaqqsu ċ-ċirkolazzjoni tal-blueprints, inkluż billi jikkooperaw ma' pajjiżi terzi skont din id-Direttiva, jenħtieġ li jkunu mingħajr preġudizzju għar-Regolamenti (UE) 2021/784[1a] u (UE) 2022/2065[1b] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill. Il-kontenut online li jikkostitwixxi jew li jiffaċilita r-reati kriminali msemmija f'din id-Direttiva*** |

***jenħtieġ li jkun soġġett għal miżuri skont ir-Regolamenti (UE) 2021/784 u (UE) 2022/2065 fir-rigward tal-kontenut illegali. B'mod partikolari, ir-Regolament (UE) 2022/2065 jirrikjedi li l-pjattaformi jimminimizzaw ir-riskji li l-utenti, inklużi t-tfal u ż-żgħażagħ, jiġu esposti għal kontenut illegali u dannuż online, u r-Regolament (UE) 2021/7842 jistabbilixxi regoli uniformi biex jiġi indirizzat l-użu ħażin tas-servizzi ta' hosting għat-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' kontenut terroristiku online.***

---

*[1a] **Ir-Regolament (UE) 2021/784 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-29 ta' April 2021 dwar l-indirizzar tad-disseminazzjoni ta' kontenut terroristiku online (ĠU L 172, 17.5.2021, p. 79, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2021/784/oj).***

*[1b] **Ir-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva 2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali) (ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2022/2065/oj).***

Or. en

**Emenda 28**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 37c (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(37c) Il-blueprints jikkostitwixxu tip speċifiku ta' kontenut li ma jistax jiġi interpretat bħala l-espressjoni ta' opinjoni iżda, għall-kuntrarju, jippermetti lill-utenti b'intenzjoni kriminali jimmanifatturaw armi tan-nar illeċiti.*** |

***Sabiex jiġu miġġielda tali attivitajiet, u minbarra l-kriminalizzazzjoni tal-applowdjar, it-tniżżil jew il-kondiviżjoni ta' tali kontenut fuq sit web aċċessibbli għall-pubbliku, huwa meħtieġ li titnaqqas iċ-ċirkolazzjoni tal-blueprints billi tiġi żgurata t-tneħħija tagħhom. Bil-ħsieb li jiġu appoġġati l-isforzi tal-Unjoni fil-ġlieda kontra t-traffikar tal-armi tan-nar, jenħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu ħilithom kollha biex jikkooperaw ma' pajjiżi terzi bl-għan li jiżguraw it-tneħħija ta' tali kontenut minn servers li jinsabu fit-territorju ta' dawk il-pajjiżi terzi.***

Or. en

**Emenda 29**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 37d (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(37d) It-tneħħija tal-blueprints fis-sors tagħhom spiss ma tkunx possibbli meta l-materjali oriġinali jkunu jinsabu barra mill-Unjoni, jew minħabba li l-pajjiż terz fejn ikunu ospitati s-servers ma jkunx lest li jikkoopera jew minħabba li l-kisba tat-tneħħija tal-materjal mill-pajjiż terz ikkonċernat tkun partikolarment twila. Jistgħu jiġu stabbiliti wkoll mekkaniżmi biex jimblukkaw l-aċċess mit-territorju tal-Unjoni għal paġni tal-internet identifikati bħala li jagħmlu blueprints disponibbli għall-pubbliku. Il-miżuri meħudin mill-Istati Membri skont din id-Direttiva sabiex ineħħu jew, fejn ikun xieraq, jimblukkaw is-siti web li jkun fihom blueprints jistgħu jkunu msejsin fuq forom differenti ta' azzjoni pubblika, bħal dik leġiżlattiva, mhux leġiżlattiva, ġudizzjarja jew miżuri oħra. F'dak il-kuntest, din id-Direttiva jenħtieġ li tkun mingħajr preġudizzju għall-azzjoni volontarja meħuda mill-industrija tal-*** |

| | |
|---|---|
| | ***internet biex tipprevjeni l-użu ħażin tas-servizzi tagħha, jew għal kwalunkwe appoġġ għal tali azzjoni mill-Istati Membri. Irrispettivament mill-bażi għall-azzjoni jew il-metodu magħżul, l-Istati Membri jenħtieġ li jiżguraw li jkun jagħti livell adegwat ta' ċertezza legali u prevedibbiltà għall-utenti u l-fornituri tas-servizz. Għall-finijiet kemm tat-tneħħija kif ukoll tal-imblukkar tal-blueprints, jenħtieġ li tiġi stabbilita u msaħħa l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-listi nazzjonali tas-siti web li jkun fihom blueprints ikunu kemm jista' jkun kompluti u tiġi evitata d-duplikazzjoni tax-xogħol. Kwalunkwe tali żvilupp jenħtieġ li jqis id-drittijiet tal-utenti finali u jikkonforma mal-proċeduri legali u ġudizzjarji eżistenti, kif ukoll mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tad-Drittijiet Fundamentali u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (il-"Karta").*** |
| | Or. en |

**Emenda 30**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 40**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (40) Sabiex tiġi żviluppata stampa komprensiva tat-theddida relatata ma' reati kriminali relatati mal-armi tan-nar u sabiex it-tfassil tal-politika jiġi ggwidat fil-ħin, jenħtieġ li l-Istati Membri jittrażmettu data statistika dwar dawk ir-reati lill-Kummissjoni ***6 snin*** wara t-traspożizzjoni, u kull 5 snin wara dan. | (40) Sabiex tiġi żviluppata stampa komprensiva tat-theddida relatata ma' reati kriminali relatati mal-armi tan-nar u sabiex it-tfassil tal-politika jiġi ggwidat fil-ħin, jenħtieġ li l-Istati Membri jittrażmettu data statistika dwar dawk ir-reati lill-Kummissjoni ***sentejn*** wara t-traspożizzjoni, u kull 5 snin wara dan. |
| | Or. en |

**Emenda 31**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 41**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (41) Jenħtieġ li d-data dwar is-sekwestri ta' armi tan-nar tkun disponibbli f'repożitorju tal-Unjoni biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari l-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u l-kundanni transfruntieri ta' reati relatati mal-armi tan-nar. | (41) Jenħtieġ li d-data dwar is-sekwestri ta' armi tan-nar tkun disponibbli f'repożitorju tal-Unjoni biex tiġi ffaċilitata l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari l-investigazzjonijiet, il-prosekuzzjonijiet u l-kundanni transfruntieri ta' reati relatati mal-armi tan-nar. ***Sabiex tiġi indirizzata d-dispersjoni rapida tal-armi tan-nar illeċiti u tiżdied l-effiċjenza tal-kooperazzjoni transfruntiera tal-pulizija u dik ġudizzjarja, jenħtieġ li l-Istati Membri jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li d-data dwar l-armi tan-nar sekwestrati tiddaħħal fir-repożitorju malajr kemm jista' jkun wara s-sekwestru, u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 48 siegħa wara dak is-sekwestru. Jenħtieġ li tali data tiġi kondiviża mal-Europol b'mod istantanju permezz tar-repożitorju komuni u, mhux aktar tard minn kull ġimgħa.*** |

Or. en

**Emenda 32**

**Proposta għal direttiva**
**Premessa 42a (ġdida)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(42a) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva rigward l-istabbiliment ta' bażi tad-data li jkun fiha blueprints rikonoxxuti u ttestjati, jenħtieġ li l-Kummissjoni tingħata setgħat ta' implimentazzjoni. Jenħtieġ li dawk is-setgħat ikunu eżerċitati f'konformità mar-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-*** |

***Parlament Ewropew u tal-Kunsill[1a].***

_____

***[1a] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni (ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/182/oj).***

Or. en

**Emenda 33**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 1 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati u pieni kriminali fil-qasam tal-armi tan-nar, kif ukoll miżuri biex tittejjeb il-kooperazzjoni transfruntiera u regoli għall-istabbiliment ta' sett minimu ta' data dwar is-sekwestri ta' armi tan-nar. | ***Mingħajr preġudizzju għad-Direttiva (UE) 2021/555 u r-Regolament (UE) 2025/41,*** din id-Direttiva tistabbilixxi regoli minimi dwar id-definizzjoni ta' reati u pieni kriminali ***għal imġiba kriminali*** fil-qasam tal-armi tan-nar, kif ukoll miżuri biex tittejjeb il-kooperazzjoni transfruntiera u regoli għall-istabbiliment ta' sett minimu ta' data dwar is-sekwestri ta' armi tan-nar. |

Or. en

**Emenda 34**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. "tixrid" tfisser li tagħmel disponibbli għall-pubbliku;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 35**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6a. "ambjent kriminali" tfisser ambjent fejn ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex wieħed jissuspetta li arma tan-nar tista' tintuża għal finijiet kriminali;*** |

Or. en

**Emenda 36**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6b. "manifatturar illeċitu" tfisser il-manifatturar jew l-assemblaġġ ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali tagħhom jew munizzjon imwettaq taħt kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*** |
| | ***(a) minn kwalunkwe komponent essenzjali ta' tali armi tan-nar li jkunu ġew ittraffikati b'mod illeċitu;*** |
| | ***(b) mingħajr awtorizzazzjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2021/555 minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn iseħħ il-manifatturar jew l-assemblaġġ; jew*** |
| | ***(c) mingħajr ma jiġu mmarkati l-armi tan-nar u l-komponenti essenzjali fil-ħin tal-manifatturar f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2021/555;*** |

Or. en

**Emenda 37**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6 (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6c. "negozjar illeċitu" tfisser l-importazzjoni, l-esportazzjoni, l-akkwist, il-bejgħ, il-kunsinna, il-moviment jew it-trasferiment ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali jew munizzjon mit-territorju ta' Stat Membru wieħed, jew minn pajjiż terz, lejn dak ta' Stat Membru ieħor jew pajjiż terz, imwettaq taħt kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*** |
| | ***(a) kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri jew mill-pajjiżi terzi kkonċernati ma jawtorizzax dan f'konformità mad-Direttiva (UE) 2021/555, mar-Regolament (UE) 2025/41, mal-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar jew mal-liġijiet nazzjonali applikabbli; jew*** |
| | ***(b) l-armi tan-nar jew il-komponenti essenzjali ma jkunux immarkati f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2021/555 jew mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2025/41;*** |

Or. en

**Emenda 38**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 2 – paragrafu 1 – punt 6d (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***6d. "traffikar illeċitu" tfisser l-importazzjoni, l-esportazzjoni, l-akkwist, il-bejgħ, il-kunsinna, il-moviment jew it-trasferiment ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali jew munizzjon mit-territorju ta' Stat Membru wieħed, jew minn pajjiż terz, lejn dak ta' Stat Membru ieħor jew pajjiż terz, imwettaq taħt kwalunkwe waħda*** |

| | |
|---|---|
| | ***miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*** |
| | ***(a) kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri jew mill-pajjiżi terzi kkonċernati ma jawtorizzax dan f'konformità mad-Direttiva (UE) 2021/555, mar-Regolament (UE) 2025/41, mal-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar jew mal-liġijiet nazzjonali applikabbli; jew*** |
| | ***(b) l-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali jew il-munizzjon ma jkunx immarkat f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2021/555 jew mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2025/41.*** |

Or. en

**Emenda 39**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) il-manifatturar jew l-assemblaġġ ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali ***tagħhom jew*** munizzjon ***imwettaq taħt kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*** | (a) il-manifatturar jew l-assemblaġġ ***illeċitu*** ta'***:*** |
| | ***(i)*** armi tan-nar, ***jew*** komponenti essenzjali***; jew*** |
| | ***(ii)*** munizzjon***;*** |
| ***(i) minn kwalunkwe komponent essenzjali ta' tali armi tan-nar li jkunu ġew ittraffikati b'mod illeċitu; jew*** | |
| ***(ii) mingħajr awtorizzazzjoni maħruġa f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2021/555 minn awtorità kompetenti tal-Istat Membru fejn iseħħ il-manifatturar jew l-assemblaġġ; jew*** | |
| ***(iii) mingħajr ma jiġu mmarkati l-armi tan-nar u l-komponenti essenzjali fil-ħin tal-manifatturar f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2021/555;*** | |

Or. en

**Emenda 40**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt aa (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(aa) il-kummerċ illeċitu ta':*** |
| | ***(i) armi tan-nar jew komponenti essenzjali; jew*** |
| | ***(ii) munizzjon;*** |

Or. en

**Emenda 41**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ***traffikar tal-armi tan-nar, jiġifieri l-importazzjoni, l-esportazzjoni, l-akkwist, il-bejgħ, il-kunsinna, il-moviment jew it-trasferiment*** ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali ***jew*** munizzjon ***mit-territorju ta' Stat Membru wieħed, jew minn pajjiż terz, lejn dak ta' Stat Membru ieħor jew pajjiż terz, imwettqa taħt kwalunkwe waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*** | (b) ***it-traffikar illeċitu*** ta'***:*** |
| | ***(i)*** armi tan-nar, ***jew*** komponenti essenzjali***; jew*** |
| | ***(ii)*** munizzjon***;*** |
| ***(i) kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri jew mill-pajjiżi terzi kkonċernati ma jawtorizzax dan f'konformità mad-Direttiva (UE) 2021/555, mar-Regolament (UE) 2025/41, mal-Protokoll tan-NU dwar l-Armi tan-Nar jew mal-liġijiet nazzjonali applikabbli; jew*** | |

***(ii) l-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali jew il-munizzjon ma jkunux immarkati f'konformità mal-Artikolu 4 tad-Direttiva (UE) 2021/555 jew mal-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2025/41;***

Or. en

**Emenda 42**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) il-pussess ta' armi tan-nar, ***komponenti*** essenzjali tagħhom ***u*** munizzjon mingħajr awtorizzazzjoni jew dikjarazzjoni f'konformità mad-Direttiva (UE) 2021/555; | (d) il-pussess ta'***:*** |
| | ***(i)*** armi tan-nar, ***jew il-komponenti*** essenzjali tagħhom***; jew*** |
| | ***(ii)*** munizzjon***;*** |
| | mingħajr awtorizzazzjoni jew dikjarazzjoni f'konformità mad-Direttiva (UE) 2021/555; |

Or. en

**Emenda 43**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (e) il-ħolqien, l-akkwist, il-pussess jew ***il-kondiviżjoni*** ta' blueprint mingħajr awtorizzazzjoni; | (e) il-ħolqien, l-akkwist, il-pussess jew ***it-tqegħid għad-dispożizzjoni*** ta' blueprint ***għal persuni fiżiċi jew ġuridiċi mhux awtorizzati*** mingħajr awtorizzazzjoni ***jew mingħajr dritt***; |

Or. en

**Emenda 44**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) ***it-tixrid*** tal-blueprints ***bl-għarfien li l-blueprints jistgħu jintużaw għall-fini tat-twettiq ta' kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fil-punti (a), (b), (d) u (e)***. | (f) ***it-tqegħid*** tal-blueprints ***għad-dispożizzjoni tal-pubbliku***. |

Or. en

**Emenda 45**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 3 – paragrafu 1a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***1a. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li l-paragrafu 1, il-punt (d)(ii) ma għandux japplika għal każijiet ta' gravità minuri li jinvolvu l-pussess mhux awtorizzat ta' munizzjon.*** |

Or. en

**Emenda 46**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li ***r-reati kriminali msemmija*** fl-Artikoli 3 u 4 ***ikunu*** punibbli b'pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi. | 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li***, meta persuna fiżika twettaq reat imsemmi*** fl-Artikoli 3 u 4***, ir-reat kriminali jkun*** punibbli b'pieni kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi. |

Or. en

**Emenda 47**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom ***jieħdu l-miżuri meħtieġa biex*** jiżguraw li: | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li: |

Or. en

**Emenda 48**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ir-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti ***(a) u (b)***, ikunu punibbli ***b'terminu massimu*** ta' priġunerija ta' mill-inqas 8 snin; | (a) ir-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti ***(a)(i), (aa)(i) u (b)(i)***, ikunu punibbli ***b'piena massima*** ta' priġunerija ta' mill-inqas 8 snin; |

Or. en

**Emenda 49**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 2– punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ir-reat kriminali msemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (c), ikun punibbli ***b'terminu massimu*** ta' priġunerija ta' mill-inqas 4 snin; | (b) ir-reat kriminali msemmi fl-Artikolu 3(1), il-punt (c), ikun punibbli ***b'piena massima*** ta' priġunerija ta' mill-inqas 4 snin; |

Or. en

**Emenda 50**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ***ir-reat*** kriminali ***msemmi*** fl-Artikolu 3(1), ***il-punt (d)***, ***ikun*** punibbli ***b'terminu massimu*** ta' priġunerija ta' mill-inqas 5 snin; | (c) ***ir-reati*** kriminali ***msemmija*** fl-Artikolu 3(1), ***il-punti (a)(ii), (aa)(ii), (b)(ii) and (d)(i)***, ***ikunu*** punibbli ***b'piena massima*** ta' priġunerija ta' mill-inqas 5 snin; |

Or. en

**Emenda 51**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ir-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3a(1), il-punti (e) u (f), ikunu punibbli ***b'terminu massimu*** ta' priġunerija ta' mill-inqas sentejn. | (d) ir-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3a(1), il-punti ***(d)(ii),*** (e) u (f), ikunu punibbli ***b'piena***ta' priġunerija ta' mill-inqas sentejn. |

Or. en

**Emenda 52**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jkunu wettqu ***r-reati*** kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jistgħu jkunu soġġetti għal pieni jew miżuri kriminali jew mhux kriminali aċċessorji, inklużi dawn li ġejjin: | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jkunu wettqu ***reati*** kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 jistgħu jkunu soġġetti għal pieni jew miżuri kriminali jew mhux kriminali aċċessorji, inklużi dawn li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 53**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt e**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(e) projbizzjonijiet temporanji fuq il-kontestazzjoni għal kariga pubblika;*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 54**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 3 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***(f) fejn ikun hemm interess pubbliku, wara valutazzjoni każ b'każ, il-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni ġudizzjarja kollha jew parti minnha li tirrigwardja r-reat kriminali mwettaq u l-pieni jew il-miżuri imposti, li tista' tinkludi d-data personali tal-persuni kkundannati biss f'każijiet eċċezzjonali debitament ġustifikati.*** | ***imħassar*** |

Or. en

**Emenda 55**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 5 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-Istati Membri jistgħu jiżguraw li l-persuni fiżiċi li jkunu wettqu reati kriminali kif imsemmi fl-Artikoli 3 u 4 jistgħu jkunu soġġetti għal pieni kriminali jew mhux kriminali aċċessorji jew għal miżuri ta' projbizzjonijiet temporanji fuq*** |

***kandidatura għal kariga pubblika.***

Or. en

**Emenda 56**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 meta r-reati kriminali jkunu twettqu għall-benefiċċju ta' dawk il-persuni ġuridiċi minn persuna li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija ***fihom (“***il-persuna ***f'pożizzjoni ta' tmexxija”***) u li taġixxi individwalment jew bħala parti minn organu ta' dik il-persuna ġuridika abbażi ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin: | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 meta r-reati kriminali jkunu twettqu għall-benefiċċju ta' dawk il-persuni ġuridiċi minn persuna ***fiżika*** li jkollha pożizzjoni ta' tmexxija ***f'dik*** il-persuna ***ġuridika,*** u li taġixxi individwalment jew bħala parti minn organu ta' dik il-persuna ġuridika abbażi ta' kwalunkwe waħda minn dawn li ġejjin ***(“il-persuna f'pożizzjoni ta' tmexxija”***): |

Or. en

**Emenda 57**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 6 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 meta n-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll minn persuna f'pożizzjoni ta' tmexxija jkun għamel possibbli, minn persuna taħt l-awtorità tagħha, it-twettiq ta' reat kriminali msemmi fl-Artikoli 3 u 4, għall-benefiċċju ta' dik il-persuna, persuna terza, jew dik il-persuna ġuridika. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuni ġuridiċi jkunu jistgħu jinżammu responsabbli għar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 meta n-nuqqas ta' superviżjoni jew kontroll minn persuna ***fiżika*** f'pożizzjoni ta' tmexxija jkun għamel possibbli, minn persuna taħt l-awtorità tagħha, it-twettiq ta' reat kriminali msemmi fl-Artikoli 3 u 4, għall-benefiċċju ta' dik il-persuna ***fiżika***, persuna terza, jew dik il-persuna ġuridika. |

Or. en

**Emenda 58**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Pieni jew miżuri kriminali jew mhux kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi ***jistgħu*** jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali u ***għandhom*** jinkludu pieni jew miżuri kriminali jew mhux kriminali aċċessorji, bħal: | 2. Pieni jew miżuri kriminali jew mhux kriminali effettivi, proporzjonati u dissważivi ***għandhom*** jinkludu multi kriminali jew mhux kriminali u ***jistgħu*** jinkludu pieni jew miżuri kriminali jew mhux kriminali aċċessorji, bħal: |

Or. en

**Emenda 59**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet biex jitwettqu attivitajiet li rriżultaw fir-reat kriminali; | (d) irtirar ta' permessi u awtorizzazzjonijiet biex jitwettqu attivitajiet li rriżultaw fir-reat kriminali ***rilevanti***; |

Or. en

**Emenda 60**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta persuna ġuridika tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 6 għar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3, ir-reat kriminali jkun punibbli b'multi kriminali | 3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li meta persuna ġuridika tinżamm responsabbli skont l-Artikolu 6 għar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3, ir-reat kriminali jkun punibbli b'multi kriminali |

| | |
|---|---|
| jew mhux kriminali. L-ammont ta' tali multi għandu jkun proporzjonat għall-gravità ***tal-att*** u għaċ-ċirkostanzi individwali, finanzjarji u oħrajn tal-persuna ġuridika. | jew mhux kriminali. L-ammont ta' tali multi għandu jkun proporzjonat għall-gravità ***tal-imġiba*** u għaċ-ċirkostanzi individwali, finanzjarji u oħrajn tal-persuna ġuridika. |
| | Or. en |

**Emenda 61**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***għar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a) u (b), il-livell*** massimu ta' multi ***msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu*** ma jkunx inqas minn wieħed mill-ammonti li ġejjin, skont liema jkun l-ogħla: | 4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li ***l-livell*** massimu ta' ***tali*** multi ma jkunx inqas minn wieħed mill-ammonti li ġejjin, skont liema jkun l-ogħla: |
| | ***(a) għar-reati kriminali koperti mill-Artikolu 3(1), il-punti (a)(i), (aa)(i), (b)(i) u (d)(i):*** |
| ***(a)*** 20 % tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika, jew fis-sena finanzjara ta' qabel dik li fiha jkun twettaq ir-reat kriminali, jew inkella fis-sena finanzjarja ta' qabel id-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa; | ***(i)*** 20 % tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika, jew fis-sena finanzjara ta' qabel dik li fiha jkun twettaq ir-reat kriminali, jew inkella fis-sena finanzjarja ta' qabel id-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa; |
| ***(b)*** ammont li jikkorrispondi għal EUR 10 miljun; | ***(ii)*** ammont li jikkorrispondi għal EUR 10 miljun; |
| | ***(b) għar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (a)(ii), (aa)(ii), b(ii), (c), (d)(ii), (e) u (f):*** |
| | ***(i) 10 % tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika, jew fis-sena finanzjarja ta' qabel dik li fiha jkun twettaq ir-reat kriminali, jew inkella fis-sena finanzjarja ta' qabel dik tad-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa;*** |
| | ***(ii) ammont li jikkorrispondi għal EUR 5 miljun.*** |

Or. en

**Emenda 62**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 7 – paragrafu 5**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***5. l-Istati Membri għandhom jiżguraw li għar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3(1), il-punti (c) sa (f), il-livell massimu ta' multi msemmi fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu ma jkunx inqas minn wieħed mill-ammonti li ġejjin, skont liema jkun l-ogħla:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) 10 % tal-fatturat dinji totali tal-persuna ġuridika, jew fis-sena finanzjarja ta' qabel dik li fiha jkun twettaq ir-reat kriminali, jew inkella fis-sena finanzjarja ta' qabel dik tad-deċiżjoni li tiġi imposta l-multa;*** | |
| ***(b) ammont li jikkorrispondi għal EUR 5 miljun.*** | |

Or. en

**Emenda 63**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sakemm iċ-ċirkostanzi li ġejjin ma jkunux jifformaw parti mill-elementi kostitwenti tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, b'rabta mar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3, ***waħda jew aktar miċ-ċirkostanzi*** li ġejjin ***ikunu jistgħu*** jitqiesu bħala ċirkostanza aggravanti: | Sakemm iċ-ċirkostanzi li ġejjin ma jkunux jifformaw parti mill-elementi kostitwenti tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li, b'rabta mar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3, ***iċ-ċirkostanzi*** li ġejjin ***għandhom*** jitqiesu bħala ċirkostanza aggravanti: |

Or. en

**Emenda 64**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ir-reat kriminali jinvolvi ***10 armi*** tan-nar ***jew aktar***; | (a) ir-reat kriminali jinvolvi ***aktar minn arma*** tan-nar ***waħda***; |

Or. en

**Emenda 65**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ir-reat kriminali jinvolvi armi tan-nar tal-Kategorija A, kif stabbilit fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2021/555; | (b) ir-reat kriminali jinvolvi armi tan-nar tal-Kategorija A ***jew tal-Kategorija B***, kif stabbilit fl-Anness I tad-Direttiva (UE) 2021/555; |

Or. en

**Emenda 66**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) ir-reat kriminali twettaq fil-qafas ta' organizzazzjoni kriminali kif definita fl-Artikolu 1, il-punt 1, tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI; | (d) ir-reat kriminali twettaq fil-qafas ta' ***ambjent kriminali, inkluża*** organizzazzjoni kriminali kif definita fl-Artikolu 1, il-punt 1, tad-Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2008/841/ĠAI; |

Or. en

**Emenda 67**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) l-arma tan-nar tkun inġarret f'post pubbliku, f'post ieħor fejn normalment jinġabar il-pubbliku, jew ġewwa vettura f'tali post;*** |

Or. en

**Emenda 68**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt ja (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(ja) l-armi tan-nar ġew iddevjati jew misruqa minn stokk awtorizzat jew legali li jappartjeni għal persuna ġuridika, korp pubbliku jew awtorità pubblika, jew tqiegħed taħt ir-responsabbiltà tagħha;*** |

Or. en

**Emenda 69**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 8 – paragrafu 1 – punt jb (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(jb) ir-reat kriminali twettaq bl-involviment ta' minorenni.*** |

Or. en

**Emenda 70**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 10 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-għodod investigattivi effettivi u proporzjonati***,*** ***inklużi għodod li jintużaw għall-kriminalità organizzata jew għal każijiet ta' reati serji oħrajn, ikunu*** disponibbli ***għall-persuni, l-unitajiet jew is-servizzi responsabbli*** għall-investigazzjoni jew għall-prosekuzzjoni tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4. | L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li għodod investigattivi effettivi u proporzjonati ***jkunu*** disponibbli għall-investigazzjoni jew għall-prosekuzzjoni tar-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4. ***Meta jkun xieraq, dawk l-għodod għandhom jinkludu għodod investigattivi speċjali, bħal dawk użati fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata jew f'każijiet serji oħra ta' kriminalità.*** |

Or. en

**Emenda 71**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 11 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| L-Istati Membri għandhom jadottaw, fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom, il-miżuri meħtieġa biex ***jipprevjenu l-armi tan-nar manifatturati u ttraffikati b'mod illeċitu, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon sekwestrati u kkonfiskati mill-awtoritajiet tagħhom milli jaqgħu f'idejn persuni mhux awtorizzati, inklużi miżuri biex*** jeqirdu dawk l-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu dwar modi oħrajn ta' rimi, diment li l-armi tan-nar jew il-komponenti essenzjali jkunu ġew immarkati u l-metodi ta' rimi ta' dawk l-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon ikunu ġew irreġistrati. | L-Istati Membri għandhom jadottaw, fis-sistemi legali nazzjonali tagħhom, il-miżuri meħtieġa biex jeqirdu dawk l-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon ***li ġew sekwestrati, ċeduti jew miksuba b'xi mod ieħor mill-awtoritajiet tagħhom***. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu dwar modi oħrajn ta' rimi, diment li l-armi tan-nar jew il-komponenti essenzjali jkunu ġew immarkati u l-metodi ta' rimi ta' dawk l-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon ikunu ġew irreġistrati. |

Or. en

**Emenda 72**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni suffiċjenti wara t-twettiq ta' reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4, li jkun proporzjonat għall-gravità tar-reati kriminali u li jippermetti li l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u l-aġġudikazzjoni ta' dawk ir-reati kriminali jiġu indirizzati b'mod effettiv. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni suffiċjenti wara kundanna finali għal reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 li jippermetti l-infurzar tal-pieni imposti.*** | 1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprevedu perjodu ta' preskrizzjoni suffiċjenti wara t-twettiq ta' reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4, li jkun proporzjonat għall-gravità tar-reati kriminali u li jippermetti li l-investigazzjoni, il-prosekuzzjoni, il-proċess u l-aġġudikazzjoni ta' dawk ir-reati kriminali jiġu indirizzati b'mod effettiv. |

Or. en

**Emenda 73**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Il-perjodu ta' preskrizzjoni msemmi fil-paragrafu 1***, l-ewwel sentenza, għar-reati kriminali msemmija fl-Artikolu 3*** għandu jkun kif ġej: | 2. Il-perjodu ta' preskrizzjoni msemmi fil-paragrafu 1 għandu jkun kif ġej: |

Or. en

**Emenda 74**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) mill-inqas 8 snin mit-twettiq ta' reat kriminali punibbli ***b'terminu massimu*** ta' priġunerija ta' mill-inqas 8 snin; | (a) mill-inqas 8 snin mit-twettiq ta' reat kriminali punibbli ***b'piena massima*** ta' priġunerija ta' mill-inqas 8 snin; |

Or. en

**Emenda 75**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 - paragrafu 2 - punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) mill-inqas 5 snin mit-twettiq ta' reat kriminali punibbli ***b'terminu massimu*** ta' priġunerija ta' mill-inqas 5 snin; | (b) mill-inqas 5 snin mit-twettiq ta' reat kriminali punibbli ***b'piena massima*** ta' priġunerija ta' mill-inqas 5 snin; |

Or. en

**Emenda 76**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) mill-inqas 4 snin mit-twettiq ta' reat kriminali punibbli ***b'terminu massimu*** ta' priġunerija ta' mill-inqas 4 snin; | (c) mill-inqas 4 snin mit-twettiq ta' reat kriminali punibbli ***b'piena massima*** ta' priġunerija ta' mill-inqas 4 snin; |

Or. en

**Emenda 77**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 2 – punt d**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (d) mill-inqas sentejn mit-twettiq ta' | (d) mill-inqas sentejn mit-twettiq ta' |

| | |
|---|---|
| reat kriminali punibbli ***b'terminu massimu*** ta' priġunerija ta' mill-inqas sentejn. | reat kriminali punibbli ***b'piena massima*** ta' priġunerija ta' mill-inqas sentejn. |

Or. en

**Emenda 78**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. ***Il-perjodu*** ta' preskrizzjoni ***msemmi fil-paragrafu 1, it-tieni sentenza,*** għar-reati kriminali msemmija ***fl-Artikolu*** 3 ***għandu jkun kif ġej***: | 3. ***L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jipprovdu perjodu*** ta' preskrizzjoni ***suffiċjenti wara kundanna finali*** għar-reati kriminali msemmija ***fl-Artikoli*** 3 ***u 4 li jippermetti l-infurzar tal-pieni imposti wara dik il-kundanna***: |

Or. en

**Emenda 79**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt a – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) piena ta' priġunerija għal reat kriminali punibbli ***b'terminu massimu*** ta' priġunerija ta' mill-inqas 8 snin; | (ii) piena ta' priġunerija għal reat kriminali punibbli ***b'piena massima*** ta' priġunerija ta' mill-inqas 8 snin; |

Or. en

**Emenda 80**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt b – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) mill-inqas 5 snin mid-data tal- | (b) mill-inqas 5 snin mid-data tal- |

| | |
|---|---|
| kundanna finali fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin: | kundanna finali fi kwalunkwe wieħed mill-każijiet li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 81**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt b – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) piena ta' priġunerija għal reat kriminali punibbli ***b'terminu massimu*** ta' priġunerija ta' mill-inqas 5 snin; | (ii) piena ta' priġunerija għal reat kriminali punibbli ***b'piena massima*** ta' priġunerija ta' mill-inqas 5 snin; |

Or. en

**Emenda 82**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt c - punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) piena ta' priġunerija għal reat kriminali punibbli ***b'terminu massimu*** ta' priġunerija ta' mill-inqas 4 snin. | (ii) piena ta' priġunerija għal reat kriminali punibbli ***b'piena massima*** ta' priġunerija ta' mill-inqas 4 snin. |

Or. en

**Emenda 83**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12 – paragrafu 3 – punt d – punt ii**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (ii) piena ta' priġunerija għal reat kriminali punibbli ***b'terminu massimu*** ta' priġunerija ta' mill-inqas sentejn. | (ii) piena ta' priġunerija għal reat kriminali punibbli ***b'piena massima*** ta' priġunerija ta' mill-inqas sentejn. |

Or. en

**Emenda 84**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 12a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 12a*** |
| | ***Prevenzjoni*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa, bħall-għoti ta' edukazzjoni u taħriġ, b'attenzjoni partikolari għad-dimensjoni online, biex jiskoraġġixxu reati kriminali relatati mal-armi tan-nar u biex inaqqsu d-domanda għal armi tan-nar illeċiti.*** |
| | ***2. L-Istati Membri għandhom jieħdu azzjoni xierqa, inkluż permezz tal-internet, bħal kampanji ta' informazzjoni u ta' sensibilizzazzjoni, kif ukoll programmi ta' riċerka u edukazzjoni, immirati lejn is-sensibilizzazzjoni u t-tnaqqis tar-riskju li persuni, inklużi t-tfal, jinvolvu ruħhom f'reati kriminali relatati mal-armi tan-nar. Fejn xieraq, tali azzjoni għandha titwettaq f'kooperazzjoni mal-organizzazzjonijiet rilevanti tas-soċjetà ċivili, inklużi organizzazzjonijiet mhux governattivi rikonoxxuti u attivi li jaħdmu mal-vittmi tal-kriminalità, u partijiet ikkonċernati oħra. Għandha tingħata attenzjoni speċifika għall-punti (e) u (f) tal-Artikolu 3.*** |
| | ***3. L-Istati Membri jistgħu, f'konformità mal-liġi nazzjonali applikabbli tagħhom, jorganizzaw jew jiffinanzjaw kampanji volontarji ta' ċediment tal-armi tan-nar. Għar-rimi tal-armi tan-nar, il-komponenti essenzjali u l-munizzjon miġbura b'dan il-mod, l-Istati Membri għandhom japplikaw ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 11.*** |
| | ***4. L-Istati Membri għandhom jallokaw porzjon tal-assi kkonfiskati fl-applikazzjoni tad-Direttiva (UE) 2024/1260 fir-rigward ta'*** |

| | |
|---|---|
| | ***investigazzjonijiet u kundanni relatati mal-armi tan-nar għar-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4, biex jiffinanzjaw l-azzjonijiet imsemmija fil-paragrafi 1 sa 3 ta' dan l-Artikolu.*** |

Or. en

**Emenda 85**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-ġuriżdizzjoni tiegħu fuq ir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 ***fejn tapplika kwalunkwe minn dawn li ġejjin***: | 1. Kull Stat Membru għandu jistabbilixxi l-ġuriżdizzjoni tiegħu fuq ir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4: |

Or. en

**Emenda 86**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt a**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (a) ir-reat kriminali ***jkun twettaq*** kompletament jew parzjalment fit-territorju tiegħu; | (a) ir-reat kriminali ***jitwettaq*** kompletament jew parzjalment fit-territorju tiegħu; |

Or. en

**Emenda 87**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 1 – punt b**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (b) ir-reat kriminali ***jkun twettaq*** abbord bastiment jew inġenju tal-ajru reġistrat f'dak l-Istat Membru jew li jtajjar il-bandiera tiegħu; | (b) ir-reat kriminali ***jitwettaq*** abbord bastiment jew inġenju tal-ajru reġistrat f'dak l-Istat Membru jew li jtajjar il-bandiera tiegħu; |

Or. en

**Emenda 88**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt c**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (c) ir-reat kriminali jitwettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika fir-rigward ta' kwalunkwe negozju li ***jsir*** kompletament jew parzjalment fit-territorju tiegħu; | (c) ir-reat kriminali jitwettaq għall-benefiċċju ta' persuna ġuridika fir-rigward ta' kwalunkwe negozju li ***jitwettaq*** kompletament jew parzjalment fit-territorju tiegħu; |

Or. en

**Emenda 89**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 2 – punt da (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***(da) l-awtur tar-reat huwa wieħed mill-uffiċjali tiegħu li jaġixxi fil-kariga uffiċjali tiegħu.*** |

Or. en

**Emenda 90**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| ***3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1(c), kull Stat Membru għandu jieħu l-miżuri meħtieġa biex jiżgura li l-eżerċitar tal-ġuriżdizzjoni tiegħu ma jkunx soġġett għal xi waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:*** | ***imħassar*** |
| ***(a) l-atti jkunu reat kriminali fil-post fejn ikunu twettqu;*** | |
| ***(b) il-prosekuzzjoni tista' tinbeda biss wara trażmissjoni ta' informazzjoni mill-Istat tal-post fejn ikun twettaq ir-reat kriminali.*** | |

Or. en

**Emenda 91**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 4**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 4. Meta reat kriminali msemmi fl-Artikoli 3 u 4 jaqa' fil-ġuriżdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, dawk l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiddeterminaw liema Stat Membru għandu jmexxi l-proċedimenti kriminali. Fejn ***ikun*** xieraq ***u*** f'konformità mal-Artikolu 12(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI***[13], il-kwistjoni għandha tiġi riferuta lill-Eurojust***. | 4. Meta reat kriminali msemmi fl-Artikoli 3 u 4 jaqa' fil-ġuriżdizzjoni ta' aktar minn Stat Membru wieħed, dawk l-Istati Membri għandhom jikkooperaw biex jiddeterminaw liema Stat Membru għandu jmexxi l-proċedimenti kriminali. ***Għal dak l-għan, huma għandhom,*** fejn xieraq, ***jagħmlu użu mill-appoġġ ipprovdut mill-Eurojust f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1727 jew jirreferu l-kwistjoni lill-Eurojust*** f'konformità mal-Artikolu 12(2) tad-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI***[27]***. |
| [13.](13)Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti ta' eżerċizzju ta' ġuriżdizzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42, ELI: | [13.](13)Id-Deċiżjoni Qafas tal-Kunsill 2009/948/ĠAI tat-30 ta' Novembru 2009 dwar il-prevenzjoni u r-riżoluzzjoni ta' kunflitti ta' eżerċizzju ta' ġuriżdizzjoni fi proċedimenti kriminali (ĠU L 328, 15.12.2009, p. 42, ELI: |

| | |
|---|---|
| http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2009/948/oj). | http://data.europa.eu/eli/dec_framw/2009/948/oj). |

Or. en

**Emenda 92**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13 – paragrafu 4a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***4a. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punt (c), l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-eżerċizzju tal-ġuriżdizzjoni tagħhom ma jkunx soġġett għall-kundizzjoni li l-atti jkunu reat kriminali fil-post fejn ikunu twettqu, u lanqas li prosekuzzjoni tkun tista' tinbeda biss wara rapport magħmul mill-vittma fl-Istat Membru li fit-territorju tiegħu jkun twettaq ir-reat kriminali, jew denunzja mill-Istat Membru, li fit-territorju tiegħu jkun twettaq ir-reat kriminali.*** |

Or. en

**Emenda 93**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 13a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 13a*** |
| | ***Riżorsi*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet nazzjonali li jidentifikaw, jinvestigaw u jipproċedu kontra r-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4 u l-korp imsemmi fl-Artikolu 15 ikollhom għadd suffiċjenti ta' persunal kwalifikat u riżorsi finanzjarji, tekniċi u teknoloġiċi suffiċjenti għat-twettiq effettiv tal-*** |

***funzjonijiet tagħhom relatati mal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva.***

Or. en

**Emenda 94**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 14 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura fl-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jingħata taħriġ regolari speċjalizzat lill-imħallfin, lill-prosekuturi, lill-pulizija u lill-persunal ġudizzjarju u lill-persunal tal-awtoritajiet kompetenti involut fi proċedimenti u investigazzjonijiet kriminali fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva kif imsemmi fl-Artikolu 1 u xieraq għall-funzjonijiet ta' tali mħallfin, prosekuturi, pulizija u persunal ġudizzjarju u persunal tal-awtoritajiet kompetenti. | Mingħajr preġudizzju għall-indipendenza ġudizzjarja u d-differenzi fl-organizzazzjoni tal-ġudikatura fl-Unjoni, l-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li jingħata taħriġ regolari speċjalizzat lill-imħallfin, lill-prosekuturi, lill-pulizija***, lid-dwana*** u lill-persunal ġudizzjarju u lill-persunal tal-awtoritajiet kompetenti involut fi proċedimenti u investigazzjonijiet kriminali fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-Direttiva kif imsemmi fl-Artikolu 1 u xieraq għall-funzjonijiet ta' tali mħallfin, prosekuturi, pulizija***, dwana*** u persunal ġudizzjarju u persunal tal-awtoritajiet kompetenti. |

Or. en

**Emenda 95**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. Kull Stat Membru għandu jaħtar Punt Fokali Nazzjonali wieħed dwar l-Armi tan-Nar, għall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livelli strateġiċi u operazzjonali fost l-awtoritajiet kompetenti kollha tiegħu involuti fil-prevenzjoni ta' reati kriminali relatati mal-armi tan-nar u l- | 1. Kull Stat Membru għandu jaħtar Punt Fokali Nazzjonali wieħed dwar l-Armi tan-Nar, għall-koordinazzjoni u l-kooperazzjoni fil-livelli strateġiċi u operazzjonali fost l-awtoritajiet kompetenti kollha tiegħu involuti fil-prevenzjoni ta' reati kriminali relatati mal-armi tan-nar u l- |

| | |
|---|---|
| ġlieda kontrihom. Il-Punt Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar għandu jwettaq mill-inqas il-kompiti li ġejjin: | ġlieda kontrihom ***u għandu jinforma minnufih lill-Kummissjoni b'dan***. Il-Punt Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar għandu jwettaq mill-inqas il-kompiti li ġejjin: |

Or. en

**Emenda 96**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 1 – punt f**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| (f) jippromwovi ***l-kooperazzjoni*** internazzjonali. | (f) jippromwovi ***u jinvolvi ruħu fil-kooperazzjoni*** internazzjonali***, inkluż billi jappoġġa lill-Europol, lill-Eurojust u lis-CEPOL***. |

Or. en

**Emenda 97**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 15 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Punti Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar jiġu stabbiliti bi struttura xierqa bħal unità, dipartiment jew ċentru ***ddedikati, u jiġu allokati b'persunal u b'riżorsi suffiċjenti biex jiżguraw l-operat kontinwu u l-funzjonament effettiv tagħhom***. | 2. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-Punti Fokali Nazzjonali dwar l-Armi tan-Nar jiġu stabbiliti bi struttura xierqa bħal unità, dipartiment jew ċentru ***ddedikat***. |

Or. en

**Emenda 98**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Mingħajr ma jiġu affettwati r-regoli dwar il-kooperazzjoni transfruntiera u l-assistenza legali reċiproka fi kwistjonijiet kriminali, l-Istati Membri, l-Eurojust, l-Europol, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-Kummissjoni għandhom, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, jikkooperaw ma' xulxin fil-ġlieda kontra r-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4. Għal dak il-għan, l-Eurojust għandha, fejn xieraq, tipprovdi l-assistenza teknika u operazzjonali meħtieġa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet tagħhom. Il-Kummissjoni tista', fejn xieraq, tipprovdi assistenza. | 2. Mingħajr ma jiġu affettwati r-regoli dwar il-kooperazzjoni transfruntiera u l-assistenza legali reċiproka fi kwistjonijiet kriminali, l-Istati Membri***, is-CEPOL***, l-Eurojust, l-Europol, l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew u l-Kummissjoni għandhom, fil-kamp ta' applikazzjoni tal-kompetenzi rispettivi tagħhom, jikkooperaw ma' xulxin fil-ġlieda kontra r-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4. Għal dak il-għan, l-Eurojust għandha, fejn xieraq, tipprovdi l-assistenza teknika u operazzjonali meħtieġa mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti biex tiffaċilita l-koordinazzjoni tal-investigazzjonijiet tagħhom. Il-Kummissjoni tista', fejn xieraq, tipprovdi assistenza. |

Or. en

**Emenda 99**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiffaċilitaw l-ittestjar konġunt tal-blueprints suspettati li jkunu mfassla għall-manifatturar ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali jew munizzjon. | 3. L-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu li jiffaċilitaw l-ittestjar konġunt tal-blueprints suspettati li jkunu mfassla għall-manifatturar ta' armi tan-nar, komponenti essenzjali jew munizzjon. ***Għal dak il-għan, sa … [18-il xahar mid-data tad-dhul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi bażi ta' data li jkun fiha blueprints rikonoxxuti u ttestjati.*** |

Or. en

**Emenda 100**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 16 – paragrafu 3a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***3a. L-att ta' implimentazzjoni msemmi fil-paragrafu 3 għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 19a.*** |

Or. en

**Emenda 101**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-armi tan-nar sekwestrati jiġu rreġistrati bl-użu tas-sett minimu ta' data stabbilit fl-Anness. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-armi tan-nar sekwestrati jiġu rreġistrati bl-użu tas-sett minimu ta' data stabbilit fl-Anness ***mill-aktar fis possibbli u fi kwalunkwe każ mhux aktar tard minn 48 siegħa wara s-sekwestru jew, meta rilevanti, it-tlestija tal-identifikazzjoni formali wara eżami forensiku***. |

Or. en

**Emenda 102**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 17a*** |
| | ***Miżuri kontra r-reklamar ta' mġiba*** |

| | |
|---|---|
| | ***illeċita relatata mal-armi tan-nar*** |
| | ***L-Istati Membri għandhom jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu jew jipprojbixxu t-tqegħid għad-dispożizzjoni tal-pubbliku ta' reklamar materjali, jew li joffru l-opportunità li jitwettaq, kwalunkwe wieħed mir-reati msemmija fl-Artikoli 3 u 4.*** |

Or. en

**Emenda 103**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 17b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 17b*** |
| | ***Miżuri kontra interfaċċi online li fihom blueprints jew li jagħmlu blueprints disponibbli għall-pubbliku*** |
| | ***1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw it-tneħħija fil-pront tal-blueprints ospitati fit-territorju tagħhom u biex jagħmlu ħilithom biex jiksbu t-tneħħija ta' dawn il-blueprints ospitati barra t-territorju tagħhom.*** |
| | ***2. L-Istati Membri jistgħu jieħdu miżuri biex jimblukkaw minnufih l-aċċess għal blueprints għall-utenti tal-internet fit-territorju tagħhom. Dawk il-miżuri għandhom jiġu implimentati f'konformità ma' proċeduri trasparenti u jkunu akkumpanjati minn salvagwardji adegwati, b'mod partikolari biex jiġi żgurat li r-restrizzjoni tkun limitata għal dak li huwa meħtieġ u proporzjonat, u li l-utenti jiġu infurmati bir-raġunijiet għar-restrizzjoni. Dawk is-salvagwardji għandhom jinkludu wkoll il-possibbiltà ta' rimedju ġudizzjarju.*** |

Or. en

**Emenda 104**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm sistema diġitali fis-seħħ għall-ġbir***, l-iżvilupp***, il-produzzjonijiet u t-tixrid ta' data statistika anonimizzata dwar ir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4. | 1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm sistema diġitali fis-seħħ għall-ġbir, il-produzzjonijiet u t-tixrid ta' data statistika anonimizzata dwar ir-reati kriminali msemmija fl-Artikoli 3 u 4. |

Or. en

**Emenda 105**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 2 – parti introduttorja**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 2. Sal-31 ta' Lulju ***tas-sitt*** sena wara t-traspożizzjoni, u mbagħad kull ***ħames snin*** wara dan, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni d-data statistika msemmija fil-paragrafu 1 ***għall-ħames snin*** ta' qabel. L-Istati Membri jistgħu jissottomettu lill-Kummissjoni dik id-data fuq bażi annwali. Dik id-data għandha, bħala minimu, tinkludi data eżistenti dwar: | 2. Sal-31 ta' Lulju ***tat-tieni*** sena wara t-traspożizzjoni, u mbagħad kull ***sentejn*** wara dan, l-Istati Membri għandhom jissottomettu lill-Kummissjoni d-data statistika msemmija fil-paragrafu 1 ***għas-sentejn*** ta' qabel. L-Istati Membri jistgħu jissottomettu lill-Kummissjoni dik id-data fuq bażi annwali. ***Il-Kummissjoni għandha, kull sentejn, tippubblika rapport ibbażat fuq id-data statistika mibgħuta mill-Istati Membri. Għall-finijiet tar-rapport,*** dik id-data għandha, bħala minimu, tinkludi data eżistenti dwar: |

Or. en

**Emenda 106**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 18 – paragrafu 3**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| 3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu, b'mod diġitali, id-data dwar l-armi tan-nar sekwestrati rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 17(1) lill-Europol***, mill-inqas darba fix-xahar***. | 3. L-Istati Membri għandhom jipprovdu, b'mod diġitali, id-data dwar l-armi tan-nar sekwestrati rreġistrati f'konformità mal-Artikolu 17(1) lill-Europol***, meta possibbli f'ħin reali u, mhux aktar tard minn kull ġimgħa***. |

Or. en

**Emenda 107**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19a (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 19a*** |
| | ***Proċedura ta' kumitat*** |
| | ***1. Il-Kummissjoni għandha tkun megħjuna mill-Kumitat tal-Armi tan-Nar stabbilit skont l-Artikolu 20 tad-Direttiva (UE) 2021/555. Dak il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** |
| | ***Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.*** |

Or. en

**Emenda 108**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 19b (ġdid)**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| | ***Artikolu 19b*** |
| | ***Libertà tal-istampa u libertà tal-espressjoni f'media oħra*** |

***Din id-Direttiva għandha tkun mingħajr preġudizzju għal reġimi ta' responsabbiltà speċjali relatati mal-prinċipji fundamentali dwar il-libertà tal-istampa u l-libertà tal-espressjoni f'media protetta li jeżistu fl-Istati Membri minn … [20 jum mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva], dment li tali reġimi jkunu jistgħu jiġu applikati f'konformità sħiħa mal-Karta.***

Or. en

**Emenda 109**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21 – paragrafu 1**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sal-31 ta' Ottubru [***8*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull 5 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta l-valur miżjud ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-ġlieda kontra reati kriminali relatati mal-armi tan-nar. | Sal-31 ta' Ottubru [***4*** snin wara d-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull 5 snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tissottometti rapport lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, li jivvaluta l-valur miżjud ta' din id-Direttiva fir-rigward tal-ġlieda kontra reati kriminali relatati mal-armi tan-nar. |

Or. en

**Emenda 110**

**Proposta għal direttiva**
**Artikolu 21 – paragrafu 2**

| *Test propost mill-Kummissjoni* | *Emenda* |
|---|---|
| Sal-31 ta' Lulju [***8*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull 5 snin wara dan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija ta' dak ir-rapport, inkluż sommarju tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u l-azzjonijiet meħuda f'konformità mal- | Sal-31 ta' Lulju [***4*** snin wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Direttiva] u kull 5 snin wara dan, l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni bl-informazzjoni meħtieġa għat-tħejjija ta' dak ir-rapport, inkluż sommarju tal-implimentazzjoni ta' din id-Direttiva u l-azzjonijiet meħuda f'konformità mal- |

| | |
|---|---|
| Artikoli minn 14 sa 16, b’attenzjoni partikolari mogħtija lill-kooperazzjoni transfruntiera. L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll informazzjoni speċifika dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 8 u liema effett iċ-ċirkostanzi aggravanti użati kellhom fuq il-livell ta’ pieni. Abbażi tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun meħtieġ, tiddeċiedi dwar azzjonijiet ta’ segwitu xierqa. | Artikoli minn 14 sa 16, b’attenzjoni partikolari mogħtija lill-kooperazzjoni transfruntiera. L-Istati Membri għandhom jipprovdu wkoll informazzjoni speċifika dwar l-implimentazzjoni tal-Artikolu 8 u liema effett iċ-ċirkostanzi aggravanti użati kellhom fuq il-livell ta’ pieni. Abbażi tal-evalwazzjoni, il-Kummissjoni għandha, jekk ikun meħtieġ, tiddeċiedi dwar azzjonijiet ta’ segwitu xierqa. |

Or. en

## ANNESS: DIKJARAZZJONI TAL-KONTRIBUT

F'konformità mal-Artikolu 8 tal-Anness I tar-Regoli ta' Proċedura, ir-rapporteur tiddikjara li fir-rapport tagħha inkludiet kontribut dwar kwistjonijiet li għandhom x'jaqsmu mas-suġġett tal-fajl li rċeviet, għat-tħejjija tal-abbozz ta' rapport mingħand ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza li ġejjin[1], jew mingħand ir-rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom, li ġejjin:

| **1. Rappreżentanti ta' gruppi ta' interess li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim Interistituzzjonali dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza** |
|---|
| Non-Violence Project Foundation |
| The Swedish National Council for Crime Prevention (Brottsförebyggande rådet, BRÅ) |
| European Association of Manufacturing Technologies (CECIMO) |
| Victim Support Europe |
| The Swedish Ministry of Justice |
| Sweden's National Firearms Focal Point (NFFP) - the Swedish Customs and the Swedish Police Authority |
| Permanent Representation of Sweden to the European Union |
| Europol |
| Eurojust |
| CEPOL |
| The European Commission |
| United Nations Office on Drugs and Crime (UNODC) |
| **2. Rappreżentanti ta' awtoritajiet pubbliċi ta' pajjiżi terzi, inklużi l-missjonijiet diplomatiċi u l-ambaxxati tagħhom** |
| Xejn |
| |
| |

Il-lista ta' hawn fuq hija mfassla taħt ir-responsabbiltà esklużiva tar-rapporteur.

Meta persuni fiżiċi jkunu identifikati fil-lista b'isimhom, bil-funzjoni tagħhom jew bit-tnejn li huma, ir-rapporteur tiddikjara li ppreżentat lill-persuni fiżiċi kkonċernati l-Avviż tal-Parlament Ewropew Nru 484 dwar il-Protezzjoni tad-Data (https://www.europarl.europa.eu/data-protect/index.do), li jistabbilixxi l-kundizzjonijiet applikabbli għall-ipproċessar tad-data personali tagħhom u d-drittijiet marbuta ma' dak l-ipproċessar.

[1] Il-Ftehim Interistituzzjonali tal-20 ta' Mejju 2021 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar Reġistru Obbligatorju ta' Trasparenza (ĠU L 207, 11.6.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/agree_interinstit/2021/611/oj).